# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXIII Vol XIII Nru. 160 Jannar - Marzu 2012



## L-Innu 'Ave Maris Stella'



Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# Madonna Ta' Pinu
Perjodiku ta' kull tliet xhur

Sena XXXIII Vol XIII Nru. 160
Jannar - Marzu 2012



**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Ivan Attard, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*



**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
*L-Editur, "Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*


**Abbonament għas-sena 2012:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | € 6.00 |
| *Ewropa* | € 14.00 |
| *Barra mill-Ewropa* | € 18.00 |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2012**



**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** *Kewkba tal-Baħar,*
Kappella tad-Dar tal-Irtiri Stella Maris, Żebbuġ, Għawdex

***Wara:*** Programm tal-Erbgħat tal-Assunta fis-Santwarju

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu,*
*Gerard Buhagiar, Daniel Cilia, Joseph Louis Meilaq,*
*Joseph Xuereb, Max Xuereb.*


**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2012
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## F'din il-Ħarġa...


**1** Il-Kelma tar-Rettur *Kewkba li ddawwal il-lejl...*

**3** Ave Maris Stella

**4** Innu li huwa stedina għall-ferħ

**7** Skola Marjana

**10** Conservation Report (4)

**12** Il-Verġni Mqaddsa Marija, Stella Maris

**14** Taf x'Qed Titlob? *Riflessjoni fuq l-Innu "Sliem għalik, Kewkba tal-Baħar"*

**16** Simboli Bibliċi fl-Innu Ave Maris Stella

**19** Marija fil-Mużika

**22** English Corner *Ave Maris Stella*

**24** Mid-Dinja Marjana

**28** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**32** "Kien jisimha Marija"

**33** L-Għanja tal-Qaddejja L 14-il parti

**35** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**36** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


### *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*



**Biex dawk kollha li qed iħabbtu wiċċhom mad-dlamijiet tal-ħajja, isibu f'Marija l-kewkba li twassalhom għad-Dawl ta' Kristu.**




# Kewkba li ddawwal il-lejl...

F'din l-ewwel ħarġa għal din is-sena, qed nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq wieħed mit-titli Marjani li bih il-Knisja ssejjaħ lill-Verġni Marija: *Kewkba tal-Baħar*. Dan it-titlu, barra li għandu l-għeruq tiegħu fit-tagħlim tad-dutturi u l-qaddisin tal-Knisja, fosthom San Bernard, insibuh ukoll f'wieħed mill-isbaħ innijiet Marjani li l-poplu ta' Alla jkanta fil-bidu tal-Għasar fil-festi Marjani, l-*Ave Maris Stella*.

F'din il-ħarġa ssibu artikli tassew interessanti li jitkellmu u jfissru dan l-innu Marjan, mimli tagħlim mill-isbaħ dwar l-Omm tagħna tas-Sema. Il-Verġni Marija hi msejħa Kewkba tal-Baħar u, kif jgħallimna San Bernard, meta nsibu ruħna fit-taqlib tat-tentazzjonijiet u forsi nħossuna mitlufa, qatt m'għandna naqtgħu qalbna; għaliex fil-qalba ta' dan il-lejl mudlam li minnu jgħaddi kull bniedem, għandna nitfgħu ħarsitna 'l fuq, u f'dak il-lejl iswed għandna nilmħu dik il-Kewkba ċkejkna li bid-dawl tagħha ddawwal il-lejl ta' kull wieħed minna. Iva, Marija hija l-mara tat-tama, hija dik li twassal id-dawl meta l-bniedem jaħseb li d-dlam qered id-dawl. F'dawn il-mumenti, San Bernard jgħallimna u jgħidilna: "Sejjaħ lil Marija, ħares lejn il-kewkba!".

Naħseb li hija xi ħaġa komuni li meta nħabbtu wiċċna mal-problemi tal-ħajja, partikolarment dawk tal-mard, spiss insejħu lil Marija għall-għajnuna, u din hija xi ħaġa sabiħa. Imma nemmen li dan mhux biżżejjed, għaliex id-dlam veru li jdallam il-moħħ u l-qalb tal-bniedem jaħkimna meta nwarrbu l-kliem ta' Kristu, l-Iben ta' Marija. Ma ninsewx



il-kliem tiegħu: "Jiena d-dawl tad-dinja"! Id-dawl ta' Kristu jasal fil-qalb u fil-moħħ tal-bniedem meta dan jilqa' l-Kelma tiegħu kif laqgħetha f'qalbha b'tant għożża l-Verġni Marija. Il-Knisja qatt ma tieqaf ixxandar din il-Kelma tal-Ħajja, anzi tfittex kull mod possibbli biex din tilħaq lil kull bniedem. Fl-aħħar mill-aħħar din hija l-missjoni tagħha. Biżżejjed wieħed jiftakar f'tant missjunarji saċerdoti u lajċi mxerrda mad-dinja kollha.

Fl-opinjoni tiegħi, imma, jeħtieġ li kull wieħed minna jpoġġi jdejh fuq il-kuxjenza tiegħu u jistaqsi: Jien, li mdawwar b'tant knejjes u nħabbat wiċċi ma' tant saċerdoti, id-deċiżjonijiet li nieħu fil-ħajja ta' kuljum qed ikunu mdawla mill-Kelma ta' Kristu? Għaliex spiss ngħixu ħajja doppja? Għaliex fil-knisja ngħixu mod u barra mill-knisja ngħixu bħallikieku qatt ma smajna l-Kelma ta' Alla?

Tassew li għandna bżonn li Marija tkun dik il-kewkba li ddawwal id-dalma spiritwali li qed taħkimna. Ejjew nitolbuha u fuq kollox nimitawha billi l-Kelma ta' Alla li nisimgħu, ngħożżuha u fuq kollox ngħixuha. Hekk biss inkunu nistgħu noħorġu mid-dlam tal-ħajja.

**O Marija, Kewkba tal-Baħar,**
**urina t-triq li twassalna fil-port tas-salvazzjoni,**
**it-triq li twassalna għand Ibnek Ġesù,**
**li hu għal kull bniedem l-Ħena bla tmiem.**

**O Kewkba tal-Evanġelizzazzjoni,**
**int li kont tant qrib l-Appostli**
**fil-jum ta' Pentekoste,**
**meta kollhom ħeġġa xandru ma' kullimkien**
**il-Bxara it-Tajba ta' Ibnek,**
**kun magħna biex il-kliem Ibnek**
**idawwal id-dalma spiritwali tagħna.** ♦


# ĠEDDED *l-Abbonament għas-Sena 2012*
## fir-rivista "MADONNA TA' PINU"
### *Rivista Marjana mis-Santwarju Ta' Pinu*




- **4 darbiet fis-sena**
- **Artikli u tagħlim mill-isbaħ dwar il-Verġni Marija**
- **Aħbarijiet mis-Santwarju Ta' Pinu**
- **Informazzjoni dwar Bolli Marjani**
- **Artikli bl-Ingliż**




**Abbonament għas-sena 2012**

♦ Lokali: •**6.00**
♦ Ewropa: •**14.00**
♦ Barra mill-Ewropa: •**18.00**
♦ Sostenitur: **Offerta Libera**




# Ave Maris Stella

**Traduzzjoni bil-Malti meħudha mill-Uffiċċju tas-Sigħat**

1. *Ave maris stella,*
   *Dei Mater alma,*
   *Atque semper Virgo,*
   *Felix caeli porta.*

2. *Sumens illud Ave*
   *Gabrielis ore,*
   *Funda nos in pace,*
   *Mutans Hevae nomen.*

3. *Solve vincla reis,*
   *Profer lumen caecis:*
   *Mala nostra pelle,*
   *Bona cuncta posce.*

4. *Monstra t(e) esse matrem:*
   *Sumat per te preces,*
   *Qui pro nobis natus,*
   *Tulit esse tuus.*

5. *Virgo singularis,*
   *Inter omnes mitis,*
   *Nos culpis solutos,*
   *Mites fac et castos.*

6. *Vitam praesta puram,*
   *Iter para tutum:*
   *Ut videntes Iesum,*
   *Semper collaetemur.*

7. *Sit laus Deo Patri,*
   *Summo Christo decus,*
   *Spiritui Sancto,*
   *Tribus honor unus. Amen.*

1. **Sliem għalik, Kewkba tal-Baħar,**
   **Omm qaddisa w kbira t'Alla,**
   **dejjem Verġni bla mittiefsa,**
   **bieb il-hena w ferħ tas-sema.**

2. **Ilqa' l-"Ave" li bil-qima**
   **Gabrijel qed isemmagħlek,**
   **ibdel fiha l-isem t'Eva,**
   **ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.**

3. **Qaċċat kull irbit lill-ħatja,**
   **ġib id-dawl lill-għomja kollha,**
   **biegħed minna l-ħażen tagħna,**
   **niżżel fuqna l-ġid mis-sema.**

4. **Uri li tassew int Ommna,**
   **wassal talbna quddiem Alla,**
   **li fi ħnientu twieled minnek,**
   **biex isir għalina bniedem.**

5. **Verġni fost kulħadd magħżula,**
   **ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,**
   **itlob 'l Ibnek biex jagħtina.**
   **maħfra, safa w spirtu ħlejju.**

6. **Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,**
   **żommna sħiħ fit-triq iż-żgura,**
   **sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra**
   **ta' Ġesù għal dejjem miegħek.**

7. **Lill-Missier it-tifħir tagħna,**
   **ġieħ u setgħa 'l Kristu Sidna,**
   **lill-Ispirtu s-Santu qima,**
   **Sebħ lit-Tlieta, Alla wieħed. Ammen.**

# Innu li huwa stedina għall-ferħ



**Mons. Lawrenz Sciberras**

Wieħed mill-innijiet qodma li l-Knisja tkanta b'ġieħ lill-Verġni Mbierka huwa dak li bil-Latin nafuh bħala *Ave Maris Stella*, jew *Sliem, Kewkba tal-Baħar*. Naturalment dan l-innu Marjoloġiku huwa midmum minn bosta kliem u espressjonijiet kollha ġejjin mill-Bibbja. Aħna nafu kemm Missirijiet il-Knisja, kemm Griegi u kemm Latini, raw u applikaw ħafna mis-simboli li hemm fil-Bibbja għal Marija. Ħalli nsemmi biss xi wħud minnhom biex hekk naqbdu aktar il-ħsieb ta' dan l-artiklu: is-sellum li ħolom bih Ġakobb, l-għollieq jaqbad mingħajr ma jikkonsma, il-ġeżża tas-suf ta' Gibegħon, it-Tempju ta' Ġerusalemm, l-Arka tal-Patt, u oħrajn.

Iżda barra s-sinjali u s-simboli li jfakkru f'Marija, f'dan l-innu hemm ukoll ċerti kliem u espressjonijiet li wkoll iressquk dejjem aktar lejn il-persuna ta' Marija. Fost dawn hemm kelma qasira kemm trid imma mimlija tifsir teoloġiku kbir: din il-kelma hija "Ave", jew kif ittraduċewha bil-Malti, "Sliem" jew "Ifraħ". Fil-fatt dan l-innu Marjoloġiku jibda preċiżament b'din il-kelma, "Ave". L-innu jdomm fih ukoll kliem u persunaġġi Bibliċi, li wkoll ifakkruna f'Marija u l-missjoni tagħha li kellha hawn fuq l-art. Fost il-kliem hemm bieb, kewkba, baħar, dawl, triq u ħajja; għandna wkoll ismijiet: Eva, Gabrijel, Omm, Verġni, u oħrajn. Naturalment hawn dak li jissejjaħ it-Tip u l-Antitip tiegħu. F'dan l-artiklu se naqbad xi kelmiet u nfissirhom skond il-kuntest Bibliku tagħhom, u naraw għaliex ġew applikati għal Marija, Kewkba tal-Baħar.

## Stedina ta' ferħ

It-tieni strofa ta' dan l-innu Marjoloġiku tgħid hekk:

*Ilqa' l-"Ave" li bil-qima*
*Gabrijel qed isemmagħlek.*
*Ibdel fiha l-isem t'Eva,*
*ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.*

Meta wieħed jisma' bil-kelma "Ave", bil-Malti "Sliem" jew "Ifraħ", dritt titfaċċa quddiemu x-xena tat-Tħabbira tal-Mulej lix-xebba Marija fid-dar tagħha ta' Nazareth

(Lq 1:26). Ngħiduha mill-ewwel, hawn Gabrijel qed jagħmlilha appell għall-ferħ, u ferħ qaddis. Tant hu veru dan li San Ġirolmu fl-ewwel verżjoni Latina tiegħu fehem sewwa sew hekk u ttraduċa *"Salve"*, "Ifraħ". Mela l-ewwel kelma li Gabrijel qal lil Marija kienet propju *stedina għall-ferħ.*

Hawn ta' min jgħid li fit-Testment il-Qadim, fil-Bibbja tas-Sebgħin (LXX) – jiġifieri bil-Grieg – din il-kelma *"xaire"* kienet użata sew. Hekk il-Profeta Sofonija jistieden lil Sijon: "Għajjat bil-ferħ ta' qalbek, bint Sijon" (3:14). L-istess jagħmel il-Profeta Ġoel: "Tibżax, art, ifraħ u thenna, għax ħwejjeġ kbar għamel il-Mulej" (2:21). Anki Żakkarija jistieden lil Ġerusalemm għall-istess ħsieb ta' ferħ: "Ifraħ kemm tiflaħ, bint Sijon; għajjat bil-ferħ, bint Ġerusalemm" (9:9). Hawn ta' min iżid jgħid li Mattew u Ġwanni jużaw dan il-kliem ta' ferħ *fid-daħla ta' Ġesù* bħala sultan fil-belt ta' Ġerusalemm (Mt 21:5; Ġw 12:15).

Iżda forsi hawn xi ħadd josserva: Kif inhi din li meta Gabrijel wassal messaġġ ta' ferħ lil Marija, din tħawdet sew? It-tweġiba hija għaliex Marija ma setgħetx taqbad is-sens ta' tislima hekk stramba. Iżda Gabrijel żguraha lix-xebba li ma kellhiex għax tibża' u titħawwad. Huwa kompla jgħidilha: "Il-Mulej miegħek". Interpretazzjoni oħra hija li "Ave" tista' tfisser ukoll *"a vae"*, jiġifieri mingħajr saħta, mela mbierka, imqaddsa, magħżula għal missjoni kbira u delikata.

## Eva – Ave

Iżda l-innu jkompli jistieden u jgħid: "Ibdel fiha l-isem t'Eva". Hawn il-ħsieb huwa ċar. Toħroġ *id-differenza bejn dawn iż-żewġ persunaġġi nisa*, persunaġġi li bejniethom hemm tassew dagħbien kbir ta' differenza. Eva obdiet is-serp, mela l-anġlu diżubbidjenti; l-"Ave" obdiet u qalet iva lill-anġlu ubbidjenti. Eva daħħlet il-mewt għaliha u għall-ġens uman kollu; l-"Ave" daħħlet mill-ġdid il-ħajja. Eva rabtitna waħda sew max-Xitan; l-"Ave" rabtitna ma' Binha. Tal-ewwel rabtet l-għoqod; tat-tieni ħallithom biex flimkien ma' Binha tatna l-ħelsien. F'dan is-sens l-innu jistieden biex *l-isem ta' Eva jiġi mibdul f'dak ta' Ave.*

## Sliem għalik

Għidna li l-kelma Griega *"xaire"*, bil-Latin *"Ave"*, bil-Malti tista' tiġi tradotta "Sliem". Wieħed mill-Missirijiet tal-Knisja, San Ġermanu minn Kostantinopli, għandu innu sabiħ ħafna fejn jgħanni bil-qawwa kollha u jfisser is-sbuħija tal-kelma "Sliem". Issa San Ġermanu twieled fis-sena 635 u miet nhar it-12 ta' Mejju 733. Madankollu huwa wasslilna ħsibijiet l-aktar profondi kollha marbutin mal-kelma "Sliem", mela "Ave". Tajjeb li nsemmu xi ftit minn dawn l-invokazzjonijiet ta' San Ġermanu, fejn nintebħu kemm dawn tassew joqogħdu għax-Xebba ta' Nazareth.

1. *Sliem għalik*, int li fid-daħla tiegħek fil-Qaddis tal-Qaddisin, mela f'Ġerusalemm tas-Sema, ilbist libsa kollha bellus, rigal ta' Alla li jista' kollox. U dan għaliex aħna hemm fil-ġnien tal-Għeden *ġejna mneżżgħin mil-libsa tal-ħbiberija ma' Alla* (Ġen 3:17). Beża' Adam, u bżajna aħna miegħu; staħba Adam u staħbejna aħna miegħu; beda jtemtem Adam u temtimna aħna miegħu wkoll. Alla għalhekk tana lilek, imlibbsa bil-grazzji kollha, nadifa u sabiħa, aħna li konna mċappsin bit-tajn tad-dnub. Issa li fuq quddiem nett għandna lilek, ma nibżgħux, għax inti dejjem lesta li taqbeż għalina u tiddefendina.

2. *Sliem għalik*, ħarufa l-aktar sabiħa, *Omm il-Ħaruf Divin*, li bil-ħalib safi ta' sidrek raddajt u għajjixt il-Ħaruf ta' Alla (Ġw 1:29); dak li ma fetaħx fommu quddiem min iġiżżu, dak li demmu mċappas mal-bibien tal-Lhud werwer il-qerriedi tant li l-mewt ma daħlitx fi djarhom (Eż 12:27), dak li tana laħmu biex nikluh, tgħabba bi ħtijietna u refagħhom, u wassalhom sa fuq il-Kalvarju. Int l-Omm l-aktar ġeneruża, għaliex tajtna b'offerta totali u olokawst sħiħ lil Ibnek, il-Ħaruf bla tebgħa. Tassew, għalhekk, li bħalek u daqsek ma deher ħadd. Inti tassew l-Omm tal-mifdijin kollha. "Mara, hawn hu ibnek!".

3. *Sliem għalik*, int li *bir-riġel tiegħek ħażżaqt ras ix-Xitan*, l-għadu tal-paċi (Ġen 3:1-15), dak li jigdeb u jgiddeb lis-segwaċi tiegħu. Int li fil-jum tal-preżentazzjoni tiegħek fit-Tempju ta' Ġerusalemm dawwalt lix-xebbiet għaqlin bħalek, li ġrew lejk biex jifirħulek għall-konsagrazzjoni totali tiegħek lill-Mulej. Tant fraħt hekk kif irfist dħul il-bieb, li tlajt tiġri ħmistax-il tarġa biex wasalt ħdejn il-qassis li aċċettak u daħħlek għall-ewwel darba fil-maqdes tal-Mulej. Int *bqajt hemm qrib tiegħu*, sakemm ġejt mgħarrsa ma' Ġużeppi, raġel ġust li kien ġej mill-familja ta' David.

4. *Sliem għalik, għollieq jaqbad imma li ma jintemmx*, għaġeb bil-wisq akbar u aqwa minn dak li ra b'għajnejh Mosè hemm fid-deżert tas-Sinaj (Eż 3:2), meta ġie obbligat ineħħi minn riġlejh il-qorq. Int verġni qabel it-twelid, verġni fit-twelid, u hekk bqajt verġni wara t-twelid tal-Iben tiegħek waħdieni Ġesù. Dan it-twelid tiegħek, o Verġni Marija, jisboq bil-bosta kull twelid jieħor fid-dinja, ukoll diffiċli kemm jista' jkun. Twelid misterjuż, twelid tant mistenni, twelid fuq kollox divin, għaliex twieled Iben Alla u Ibnek. Int sirt Ommu, mela Omm Alla, *Mater Dei, Theotokos.*

5. *Sliem għalik*, Marija, mimlija bil-grazzja (Lq 1:28), l-aktar qaddisa fost il-qaddisin, *Panhagia*. Hekk issellimlek il-Knisja Ortodossa. Int bil-wisq aktar għolja mis-Sema, aktar glorjuża mill-kerubini, aktar meqjuma mis-serafini, *wisq aktar venerabbli minn kull ħallieq*. Int li bil-preżentazzjoni glorjuża tiegħek fit-Tempju, fejn kont tant qrib tal-glorja (*kavod*) ta' Alla, wassaltilna dik il-fergħa taż-żebbuġa, sinjal ta' ħelsien mid-dilluvju spiritwali (Ġen 8:1). ♦





# Skola Marjana

**minn John Formosa**

## L-*Ave Maris Stella*

L-*Ave Maris Stella* huwa innu li jingħad jew jitkanta fl-Għasar fil-festi tal-Verġni Marija, għalkemm jidher li għall-ewwel kien maħsub għall-festa tal-Lunzjata. Hu wieħed mill-iżjed innijiet popolari Marjani, u, kontra l-biċċa l-kbira tal-innijiet bikrin tal-Brevjar, dan l-innu baqa' fil-forma oriġinali tiegħu. Jinsab maqlub fil-lingwi kollha ewlenin, u jitkanta f'diversi pajjiżi, l-aktar fis-santwarji Marjani li lejhom jersqu numru kbir ta' pellegrini.

L-innu, li jieħu dan l-isem mill-ewwel tliet kelmiet bil-Latin li jfissru "Sliem għalik, Kewkba tal-Baħar'', hu qadim ħafna. Il-kliem li fih jagħti wieħed x'jifhem li nkiteb fi żminijiet ikkaratterizzati minn ġlied kontinwu, l-aktar fejn kien hemm ħajja laxka.

### Awtur

Ma nafux min kiteb dan l-innu. Kien hemm min issuġġerixxa li kitbu San Bernard ta' Clairvaux (1090-1153), li għandu kitbiet li fihom ixebbah lil Marija mal-Kewkba (ara t-talba tal-qaddis lejn tmiem l-artiklu); oħrajn jgħidu li kitbu s-sultan Roberto (†1031). Imma llum nafu li dan mhux il-każ għax, mill-inqas, l-innu jmur lura għas-seklu tmienja jew disgħa, billi kopja tiegħu tinsab fil-*Codex Sangallensis*, manuskritt tas-seklu disgħa li llum hu kkonservat fl-Abbazija ta' San Gallo, fl-Isvizzera. Kien hemm min attribwieh lil Venanzio Fortunatus (530-609), imma l-awtur l-aktar probabbli hu l-għaref Pawlu d-Djaknu (c. 720-800), li kien raħeb Benedittin f'Monte Cassino.

L-innu *Ave Maris Stella* fih seba' strofi ta' erba' versi-l waħda, kull vers b'ħames sillabi. L-ebda strofa ma fiha r-rima. Il-Knisja tirrakkomanda li l-ewwel strofa tingħad fuq l-irkopptejn.

Forsi l-aktar strofa magħrufa minn dan l-innu hi dik tan-nofs: *"Monstra te esse matrem: / Sumat per te preces, / qui pro nobis natus, / tulit esse tuus"*. Minn din l-istrofa ġejja t-talba li soltu ngħidu bejn posta u oħra tar-Rużarju: "Marija Santissma, urina li inti Ommna, għalik jisma' talbna Dak li twieled għalina u ried ikun bniedem bħalna''.

F'dan l-innu, minbarra li nitolbu lil Marija turi lilha nfisha bħala l-Omm tagħna, nitolbuha wkoll tagħti d-dawl lill-għomja, tkeċċi minna d-deni, tagħtina l-paċi, li ngħixu ħajja safja, tagħmilna ġwejdin u safjin, u tilqa'

t-talb tagħna. L-innu jispiċċa b'tifħir lil Alla Wieħed fi Tliet Persuni.

## Kewkba tal-Baħar

F'dan l-innu, Marija hija msejħa "Kewkba tal-Baħar''. Dan hu titlu li bih, għal bosta sekli, l-Insara ilhom isejħu b'devozzjoni lil Marija. Hu emmnut li dan it-titlu beda minn interpretazzjoni mhux korretta ta' versett f'Isaija 40:15 skond il-Vulgata. San Ġirolmu ttraduċa l-kelma Lhudija *"mār"* bħala *"stilla"*, li bil-Latin tfisser qatra. L-isem Lhudi għal Marija, *Mârjâm*, beda jinftiehem li jfisser "qatra tal-baħar'', u mbagħad, aktar tard, meta *"stilla"* bi żball bdiet tinqara *"stella"* (=kewkba), "kewkba tal-baħar''.

Bosta Missirijiet tal-Knisja u kittieba oħra tal-qedem, fosthom San Isidoru ta' Sivilja, San Bernard ta' Clairvaux, Alkwinu, Paskasju u Rabano Mauro, kemm-il darba lil Marija tawha dan it-titlu biex ixebbhuha mal-Kewkba Polari, il-gwida tradizzjonali tan-naviganti li kienu jiddependu minnha biex ikunu jafu fejn qegħdin u lejn fejn iridu jmorru.

## Mużika tal-innu

Għal ħafna sekli t-test tal-*Ave Maris Stella* kien jitkanta fuq melodiji Gregorjani. Maż-żmien bosta kienu l-kompożituri li mmużikaw dan l-innu Marjan. Fost dawn hemm Claudio Monteverdi, Antonio Vivaldi, Johann Sebastian Bach, Antonin Dvorak, Franz Liszt, u tant oħrajn, antiki u moderni.

Kurjuż huwa l-fatt li komunità fil-Kanada għandha bħala l-innu nazzjonali l-*Ave Maris Stella*. Din hi l-komunità ta' Acadia, li tinsab fuq in-naħa marittima tal-lvant tal-Kanada, li llum tagħmel parti minn Nova Scotia u l-madwar. L-Akadjani, minħabba l-isfond Kattoliku tagħhom, fil-Kungress Nazzjonali tal-1884 għażlu dan l-innu Marjan bħala l-innu nazzjonali tagħhom. Skond il-minuti ta' dak il-kungress, Abbé Richard, wara li introduċa l-bandiera lid-delegati, beda jkanta l-*Ave Maris Stella* bil-Latin bħallikieku biex jagħlaq il-kungress. Dak il-ħin xi ħadd għajjat: "Issa għandna bżonn li jkollna wkoll innu!''. F'dak il-waqt, Pascal Poirier (senatur futur) laqa' l-isfida: "Din l-arja nazzjonali (...) din hi (...) misjuba b'mod tal-għaġeb li turi s-saba' ta' Alla (...) hi l-*Ave Maris Stella*''. Bla telf ta' żmien tressqet riżoluzzjoni fis-sessjoni li tkompliet li fiha l-assemblea approvatu. Fil-laqgħa tas-*Société Nationale de l'Acadie*, l-innu kien rivedut ftit; bħala rispett, l-ewwel u l-aħħar strofi baqgħu bil-lirika oriġinali bil-Latin, imma t-tieni, it-tielet u r-raba' saru bil-Franċiż, il-lingwa li jitkellmu l-Akadjani, u l-kliem ta' dawn inbidel biex jesprimi aktar sens patrijottiku.

## Parroċċa ddedikata lil Marija Kewkba tal-Baħar

Jeżistu ħafna knejjes u kulleġġi Kattoliċi li huma taħt il-patroċinju tal-Verġni Mbierka taħt it-titlu ta' "Kewkba tal-Baħar'', fosthom anki f'Malta. F'Tas-Sliema, waħda mill-erba' parroċċi ġġib propju l-isem ta' Stella Maris. Tas-Sliema bdiet issir post tal-villeġġjatura għan-nies tal-Belt f'nofs is-seklu dsatax u, għall-ewwel, il-knisja ż-żgħira ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja kienet biżżejjed għan-nies li kienu joqogħdu hemm. Iżda meta n-nies żdiedet, inħasset il-ħtieġa li tinbena knisja oħra. Dan sar fl-1854 u l-knisja ġiet iddedikata lill-Verġni Marija Kewkba tal-Baħar. Aktar tard il-knisja ġiet imkabbra u fl-1878 saret l-ewwel parroċċa f'dan is-subborg. Anki l-kulleġġ kbir li l-Fréres għandhom il-Gżira jġib l-isem ta' *Stella Maris College*.

## Innu għażiż għall-qaddisin

Il-qaddisin, bħala devoti kbar ta' Marija, kienu jħobbu jitolbu din l-*Ave Maris Stella* kuljum. Fost dawn insemmu lil Santa Briġida (1303-1373), fundatriċi tas-Sorijiet tas-Santissmu Salvatur, li dwarha jingħad li l-Verġni Mbierka nfisha dehritilha u qaltilha: "Kantaw bħala grupp l-*Ave Maris Stella*, u jiena nħariskom minn kull periklu''. Anki l-qaddis Malti San Ġorġ Preca kien iħobb jitolbu kuljum wara li jispiċċa mit-talb ta' ringrazzjament ta' wara t-Tqarbin. Kienet propju din waħda mill-aħħar talbiet tiegħu ftit qabel ma miet nhar is-26 ta' Lulju 1962.




## Ħares lejn il-Kewkba, Marija

Dan il-qaddis Duttur tal-Knisja, li kien tant iħobb lill-Verġni Marija hekk li ġie mlaqqam "in-namrat tal-Madonna'', jikteb hekk:

*Ja bniedem, li tinsab tissielet mal-mewġ tal-ħajja, mingħajr post żgur fejn tista' tistkenn, iffissa l-ħarsa tiegħek lejn id-dija ta' dik il-Kewkba [Marija] jekk ma tridx li tiġi mkaxkar minn xi tempesta.*

*Jekk iqumu għalik l-irwiefen tat-tentazzjonijiet jew tkun se taħbat mal-iskoll tat-tribulazzjonijiet – ħares lejn il-Kewkba, sejjaħ lil Marija.*

*Jekk il-korla, ix-xeħħa, il-ġibdiet tal-ġisem jipprovaw jgħarrqu lil ruħek – aħseb f'Marija.*

*Jekk inti tinsab imqalleb mill-mewġ tas-suppervja, tal-ambizzjoni, tal-kalunji u tal-għira – ħares lejn il-Kewkba, sejjaħ lil Marija.*

*Jekk inti inkwetat minħabba l-kobor ta' dnubietek; konfuż minħabba t-toqol tal-kuxjenza tiegħek; imbeżża' mill-ħsieb waħxi tal-ġudizzju, tkun se taqa' fi qtigħ il-qalb u tkun f'xifer id-disperazzjoni – aħseb f'Marija.*

*Fil-perikli, fid-dwejjaq, fl-inkwiet – aħseb f'Marija, sejjaħ lil Marija.*

*Mhux li kien li Marija tkun fuq fommok u f'qalbek! U biex tikseb l-interċessjoni tagħha – imxi fuq l-eżempju ta' Marija.*

*Jekk timxi wara Marija – ma titlifx it-triq. Jekk titlobha – ma tiddisprax. Jekk taħseb fiha – ma tiżbaljax. Jekk tgħinek Hi – ma taqax. Jekk tiddefendik Hi – ma tibżax. Jekk tiggwidak Hi – ma taqtax qalbek. Jekk tħarsek Hi – ma tistax ma ssalvax.* ◆

(Għal aktar ħsibijiet fuq din is-silta, ara wkoll paġna 32)



# Conservation Report (4): Immaculate Conception

Restoration Director Fr. Charles Vella
Report by Conservator Joanna Hili Micallef, B.Cons. (Hons)

## *Manufacturing Technique*

### Auxiliary Support

The auxiliary support is a rectangular wooden frame (strainer). The wooden strips employed are very thin resulting in a wobbly frame.

### Support

The canvas support consists of a single piece of fabric 176.5cm by 98.5cm. Scientific analyses have shown that the canvas employed is cotton. It is very thin and tightly woven.

The painting does not have proper tacking margins, showing that this painting was not intended to be stretched on a stretcher frame. However, at some point while in storage this canvas painting was tacked to a strainer using metal draw pins (Fig. 1). The pins look quite new, they are not rusted.



### Preparation Layer

The canvas has two very thin and homogeneous preparation layers. The first layer is a thin beige preparation layer and it is followed by a white preparation layer. The canvas support was most probably bought readily coated with the preparation layers.

### Paint layers

A rich palette of subdued colours and gold were used. The paint layer was applied rather thinly. The binding medium is most probably oil.

### Varnish layer

Analysis under ultra violet light have shown that the painting is not varnished.

## *State of Conservation*

### Auxiliary Support

The auxiliary support is very flimsy and need to be replaced with a sturdy stretcher frame.

### Support

The canvas is in a bad state of conservation. It is not properly stretched and this has led to radial deformations in the corners of the canvas support.

### Preparation Layer

The preparation layer is in a good condition it is still well adhered to the canvas support.

### Paint layers

The paint layer is still well adhered to the preparation layer. The painted surface has a lot of circular stains probably due to a biological





infestation (Fig. 2). It is also very soiled, dust and dirt have settled on it.

## *Conservation Treatment*

- The painting was dismantled from the stretcher frame.
- Any canvas deformations were flattened using slight humidification, heat and pressure then the canvas painting was secured onto a working table.
- To clean the painting from superficial dirt the following tests were carried out:
  - Distilled water - no satisfactory results
  - White spirit – no satisfactory results
  - Water and ethanol - no satisfactory results
  - Tween at 1% in H2O – gave good results
  - Triammonium citrate 3% in H2O – no satisfactory results
- Following these tests it was decided to clean the paint layer using cotton swabs slightly damped in Tween at 1% in H2O.

*(ikompli f'paġna 26)*

# Il-Verġni Mqaddsa Marija, *Stella Maris*

**minn Patri Anton Farrugia ofm**




L-għaref San Bernard, f'waħda mill-omeliji tiegħu fuq is-siita Evanġelika tat-Tħabbira tal-Mulej, jgħid li isem il-Verġni Marija jfisser "kewkba tal-baħa'' għaliex "il-ħsieb tagħha huwa dejjem ta' faraġ kbir u ta' għajnuna fit-tempesti kollha tal-ħajja''.

Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat, il-Verġni Mbierka tissejjaħ "kewkba tal-baħar'' fl-innu bil-Latin li jibda propju bil-kelmiet *"Ave Maris Stella"*, li jitkanta fl-Għasar u li għal ħafna żmien kien maħsub li kitbu l-istess San Bernard. Iżda dan ma jistax ikun, għax l-innu *Ave Maris Stella* kien diġà jaf bih San Beda l-Venerabbli billi jirreferi għalih f'omelija tiegħu.

Fil-*Ġabra ta' Quddies f'ġieħ il-Verġni Marija*, nhar it-8 ta' Mejju nsibu Quddiesa li tiċċelebra lill-Imqaddsa Verġni Marija Kewkba tal-Baħar. L-Antifona tal-Introjtu ttenni l-kliem tal-Ktieb tan-Numri fejn jingħad: "Minn Ġakobb għad tidher tielgħa kewkba''. Din il-"kewkba tielgħa'' tiddi bħax-xemx mhi ħadd ħlief il-Verġni Mbierka Marija, bint magħżula tal-poplu tar-Rabta l-Qadima.

Xbihat u simboli fit-Testment il-Qadim iħabbru u jfakkru l-ħajja u l-missjoni tal-Verġni Marija li ġiebet fid-dinja lill-Iben ta' Alla bħala bniedem, Kristu, "id-dawl li jdawwal il-ġnus u l-glorja tal-poplu ta' Israel'' (Lq 2:32).

Fil-Kolletta, il-Knisja titlob l-għajnuna tal-Omm qaddisa tal-Iben ta' Alla biex "fil-mewġ tal-ħajja li fih'' aħna lkoll "nitħabtu, neħilsu minn kull għawġ u naslu bis-sliem fil-port tal-hena ta' dejjem''.

Il-ħsieb wara din it-talba huwa wieħed spiritwali. Bħall-kewkba li mexxiet il-Maġi, Marija bid-dawl jiddi tagħha tmexxina u

twassalna sal-port li hu Kristu. Iżda dan il-ħsieb spiritwali ma jnaqqas xejn mill-ħsieb l-ieħor materjali li jħares lejn Marija bħala kewkba tal-baħar fil-maltemp, kif jixhdu l-ħafna *ex voto* li nsibu fis-santwarji Marjani b'radd ta' ħajr għall-ħelsien mill-mewġ tal-baħar. Kemm nies fuq il-baħar talbu l-interċessjoni ta' Marija sa ma waslu fil-port bis-sliem! Tabilħaqq joqogħdu l-kelmiet tal-Antifona tat-Tqarbin: "Fik ittamaw u inti ħlisthom, fik ittamaw u ma tfixklux" (Salm 21[22]:6).

F'pajjiżna, il-parroċċa ta' *Stella Maris* f'Tas-Sliema jista' jkun li bdiet tissejjaħ hekk minħabba kappella li kienet inbniet fl-1741 qrib il-Fortizza ta' Tignè li kellha marbut magħha benefiċċju magħruf bħala tal-*"B.M.V. del Buonviaggio"*. L-istess kwadru titulari li jinsab f'din il-knisja parrokkjali, qabel kien meqjum fil-Bażilika tal-Portusalvu tal-Belt Valletta, mibnija mid-Dumnikani qrib il-Port il-Kbir.

Ta' min jgħid ukoll li fl-innu *Flos Carmeli*, li bih l-Ordni Karmelitan isellem lil Marija bħala l-Omm u s-Sultana tiegħu, il-Verġni Mbierka tissejjaħ ukoll *Stella Maris*, forsi għall-fatt li l-għolja tal-Karmelu fl-Art Imqaddsa, fejn kellu l-bidu tiegħu dan l-ordni



Marjan, tinsab fuq il-baħar Mediterran li bħal donnu jidħol jistkenn taħt il-ħarsa ħelwa tal-Imqaddsa Marija, "Kewkba tal-Baħar", meqjuma fis-santwarju li nbena fuq il-quċċata.

Fil-bqija tal-ewkoloġija tal-Quddiesa li tagħti ġieħ lill-Verġni Mbierka taħt dan it-titlu ma nsibu l-ebda riferiment speċifiku għal Marija bħala "kewkba tal-baħar". Madankollu, l-ewwel qari propost għaż-żminijiet l-oħra tas-sena liturġika, barra żmien l-Għid, huwa meħud mill-Ktieb tal-Għerf (14:3-7), li jirreferi għall-għajnuna li Alla jagħti lil kulmin ikun qiegħed ibaħħar, kif tixhed il-qima u d-devozzjoni tal-baħħara ta' kull żmien lejn il-Verġni Mbierka Marija, "Kewkba tal-Baħar". ♦





# Taf x'qed Titlob?...

## Riflessjoni fuq l-innu "Sliem għalik, Kewkba tal-Baħar"

*minn Dun Alex Refalo*

***Sliem għalik, Kewkba tal-Baħar,***
***Omm qaddisa u kbira t'Alla,***
***dejjem Verġni bla mittiefsa,***
***bieb il-hena w ferħ tas-Sema.***

Il-kewkba tal-bahar hija l-wens għall-baħħara. Hija l-boxxla li fl-antik kienet turihom it-triq fejn kellhom ibaħħru. Marija hija mxebbha ma' din il-kewkba li twassalna għand Binha Ġesù. Hija bieb li min jidħol minnu jsib l-hena, għax hi tlaqqa' l-bniedem mal-veru ferħ, Ġesù: "Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu. Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur'' (Lq 2:10-11a).

***Ilqa' l-"Ave" li bil-qima***
***Gabrijel qed isemmagħlek;***
***ibdel fiha l-isem t'Eva,***
***ħalli jerġa' s-sliem fid-dinja.***

"Ave'' tfisser "Sliem'', "Ifraħ''. Kif nafu, jekk inpoġġu l-ittri ta' din il-kelma bil-maqlub, joħroġ l-isem ta' Eva. Kif Eva ġabet id-dnub fid-dinja u mad-dnub id-dwejjaq u l-imrar – "Bl-għaraq ta' ġbinek tiekol ħobżok'' (Ġen 3:19), hekk dik li t-tislima li ngħatatilha mill-anġlu kienet "Ave'' ser iġġib il-maqlub li ġabitilna Eva, jiġifieri ferħ, paċi u għaqda dejjiema ma' Alla. L-innu qed jerġa' jieħu lil Marija lura meta l-Anġlu Gabrijel għamlilha l-istedina biex tkun l-Omm ta' Ġesù. Qed terġa' ssirilha l-istedina biex tilqa' t-tislima li biha l-bniedem jista' jakkwista dak li għalih ġie maħluq: il-ferħ. Qatt irrealizzajt li iżjed ma hemm nuqqas ta' ferħ fid-dinja jew fil-qalb tagħna, iżjed għandna bżonn ta' Marija?

***Qaċċat kull irbit lill-ħatja,***
***ġib id-dawl lill-għomja kollha,***
***biegħed minna l-ħażen tagħna,***
***niżżel fuqna l-ġid mis-Sema.***

Bir-raġun li l-bniedem nieqes mill-ferħ, mill-Imħabba vera u mill-ħajja tal-grazzja, qiegħed idur lejn dik li x-Xitan qatt ma seta' jirbaħha, lejn dik li għandha qawwa kbira quddiem Alla. Jekk id-dnub ifisser irbit, ħtija, għama, ħażen u miżerja, Marija toffri lill-bniedem il-kuntrarju ta' dan kollu. Iva, permezz tagħha Alla joffri ġid, dawl, tjubija u ħelsien lil kull bniedem li safa lsir tad-dnub.

***Uri li tassew int Ommna,***
***wassal talbna quddiem Alla,***
***li fi ħnientu twieled minnek***
***biex isir għalina bniedem.***

Hija l-karba tal-bniedem lil Marija. Qed ifakkarha li hija Ommu u b'dik il-qalb ta' Omm hija tista' tinterċedi quddiem Alla. Jekk dak li tat lid-dinja huwa s-Salvatur, kif jista' għalhekk l-istess Salvatur, għat-talba tagħha, ma jsalvahx, ma jeħilsux minn dan il-piż tqil li qed iġorr? Kif jista' Binha Ġesù, għall-karba ta' Marija, ma jurix il-ħniena tiegħu lejn il-midinbin, lejn dawk li għalihom sar bniedem minnha?

***Verġni fost kulħadd magħżula,***
***ta' qalb ħelwa fost il-ħlejjaq,***
***itlob 'l Ibnek biex jagħtina***
***maħfra, safa w spirtu ħlejju.***

Qed tissejjaħ mill-ġdid bit-titlu ta' Verġni, kif hemm fl-ewwel strofa tal-innu. Dak li jikkaratterizza lil Marija huwa l-gratuwità: irċeviet kollox b'xejn mingħand Alla, kollox huwa grazzja. Dik li f'ħajjitha sabet biss il-ġenerożità, taf tgħix biss bil-ġenerożità, billi tkun ġeneruża. Irċeviet b'xejn u għalhekk taf toffri kollox b'xejn! L-espressjoni Latina ta' San Tumas, *"Bonum est diffusivum sui", tfisser li mit-tajjeb joħroġ it-tajjeb. It-tajjeb jixtered minnu nnifsu. Marija, marbuta ħaġa waħda ma' dak li hu t-Tjieba – "Mgħallem tajjeb" (Mk 10:17), toħroġ minnha nfisha biss it-tajjeb. Bil-qalb ġeneruża tagħha, qalb mimlija ħlewwa, bla ma tqis xejn li huwa tagħha, hija marret iżżur lil Eliżabetta, u issa hija lesta tidħol għalina wliedha l-għeżież quddiem Binha biex jagħtina maħfra, safa fil-qalb u spirtu mimli ħlewwa. It-tajjeb li hemm f'Marija ma jistax jibqa' magħluq ġewwa fiha.*



***Għinna ngħaddu ħajja mseddqa,***
***żommna sħaħ fit-triq iż-żgura,***
***sa ma niksbu l-ferħ tad-dehra***
***ta' Ġesù għal dejjem miegħek.***

Fil-bidu tal-innu hemm il-karba għall-ferħ. U mill-ġdid din ix-xewqa li għandu mistura fih kull bniedem hija mtennija. Il-veru ferħ huwa l-frott ta' ħajja fil-grazzja ta' Alla, ħajja 'l bogħod mid-dnub. Din l-istrofa tikkonsisti f'talba għall-perseveranza fit-triq ta' Binha Ġesù, għax "min jibqa' jżomm sħiħ sal-aħħar, dan isalva" (Mt 10:23).

***Lill-Missier it-tifħir tagħna,***
***ġieħ u setgħa 'l Kristu Sidna,***
***lill-Ispirtu s-Santu l-qima,***
***sebħ lit-Tlieta, Alla wieħed. Amen.***

Dik li fit-tieġ ta' Kana għarfet il-bżonn tal-inbid, kemm iżjed tagħraf il-bżonn tal-ferħ tagħna kull meta nersqu lejha nitolbuha! ♦

# Simboli Bibliċi fl-innu *Ave Maris Stella*

**Mons. Lawrenz Sciberras**




Fl-ewwel artiklu rajna kif u kemm it-tislima tal-"Ave'' tfisser ukoll stedina ta' ferħ. Rajna wkoll il-paralleliżmu li hemm bejn Eva, l-ewwel mara tat-Testment il-Qadim, u "Ave'', l-ewwel mara tat-Testment il-Ġdid. Iżda dan il-paralleliżmu qiegħed f'sens oppost. Komplejna nirriflettu aktar fil-fond fuq il-kelma "Ave'', "Sliem'', stedina għal tant riflessjonijiet Bibliċi kollha marbutin ma' Marija, ix-xebba ta' Nazareth. Issa dan l-innu tal-*Ave Maris Stella* fih ukoll simboli oħra applikati għal Marija. Ħalli naraw liema huma.

## Bieb

Nibdew billi ngħidu li kien Ġesù nnifsu li f'waħda mill-awtodefinizzjonijiet tiegħu jsejjaħ lilu nnifsu Bieb. Fid-diskors tiegħu dwar in-nagħaġ u r-ragħaj, Ġesù tkellem espressament: "*Jien hu l-bieb*'' (Ġw 10:9). Issa interessanti kif il-Knisja wkoll fil-Litanija Lawretana ssejjaħ lil Marija "Bieb tas-Sema'', *"Janua Cœli"*. Fil-mixja tiegħu mwiegħra minn Birsaba lejn l-art niexfa ta' Ħaran, il-patrijarka Ġakobb, missierna fil-fidi, waqaf f'post biex jgħaddi l-lejl hemm. Huwa ħolom b'sellum wieqaf fl-art bil-quċċata tiegħu sas-sema, u beda jara l-anġli telgħin u neżlin miegħu (Ġen 28:12). Ta' min iżid jgħid li anki Ġesù, fid-diskors ta' stedina li kellu ma' Natanjel minn Kana tal-Galilija, qallu li "għad taraw is-sema miftuħ u l-anġli ta' Alla telgħin u niżlin fuq Bin il-bniedem'' (Ġw 1:51).

Missirijiet il-Knisja fis-sellum li ħolom bih Ġakobb jaraw *il-medjazzjoni ta' Marija.* Kristu, li huwa msejjaħ "ix-Xemx tal-Ġustizzja'', biex jilbes il-ġisem uman tagħna kellu bżonn jgħaddi minn dan il-"bieb'', li huwa Ommu Marija. Fil-Liturġija tagħha l-Knisja għandha żewġ innijiet Marjani li t-tnejn li huma jsejħu lil Marija "bieb''. Fl-ewwel wieħed, li hu *Ave Regina Cœlorum*, Marija hi msejħa "bieb safi mnejn ġie dawl id-dinja''. U fl-innu li qegħdin nirriflettu fuqu, mela l-*Ave Maris Stella*, il-Knisja ssellem lil Marija bħala "bieb il-hena u ferħ tas-Sema''. San Efrem mis-Sirja (306-373) sejjaħ lil Marija "Bieb il-Ħajja''. It-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa ddeċidiet li l-aħjar mod kif tinżel fid-dinja kien permezz ta' Marija, billi *tgħaddi minn dan il-veru "Bieb tas-Sema".*

Fit-titlu "Bieb tas-Sema'' naraw ukoll tagħlim fuq il-verġinità ta' Marija. Hawn infakkru fid-dehra li kellu l-Profeta Eżekjel: "U qalli: 'Dan il-bieb jibqa' magħluq; m'għandux jinfetaħ, u ħadd m'għandu jgħaddi

minnu, għax il-Mulej Alla ta' Israel għadda minnu, għalhekk għandu jibqa' magħluq'' (44:2). Hawn ukoll, f'dan il-bieb magħluq tad-dehra ta' Eżekjel, bosta Missirijiet il-Knisja jaraw lil Marija, dik li kienet verġni qabel it-twelid, verġni fit-twelid u baqgħet hekk wara t-twelid ta' Binha Ġesù.

## Kewkba

Il-kwiekeb huma wkoll ħolqien ta' Alla li jista' kollox. Diġà nsibuhom imsemmijin u qegħdin man-numru ta' ħlejjaq fil-Ktieb tal-Ġenesi 1:16. Anki s-Salm 8:4 jgħodd il-kwiekeb bħala ħlejjaq ta' Alla: "Inħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk, il-qamar u l-kwiekeb li int qegħedt fihom!''. F'salm ieħor l-awtur jidħol aktar fil-fond, għaliex jgħid li Alla "jgħodd in-numru tal-kwiekeb; kollha jsejħilhom b'isimhom''. Il-Profeta Danjel jagħmel paragun sabiħ ħafna, għaliex ixebbah il-kwiekeb ma' dawk li jkunu għamlu l-ġid: "U dawk li jkunu wasslu 'l ħafna fis-sewwa, ikunu jiddu bħal kwiekeb għal dejjem ta' dejjem'' (12:3). San Pawl, imbagħad, jiżviluppa dan il-ħsieb u jipparaguna d-differenzi fil-glorja tal-magħżulin bejniethom: "U hemm kollha jiddu bid-dija tal-kwiekeb; kewkba tiddi aktar minn kewkba oħra'' (1 Kor 15:41).



L-awtur tal-Apokalissi jorbot bis-sħiħ il-kwiekeb, bis-sbuħija kollha tagħhom, mas-sbuħija tal-Verġni Mbierka. Fil-kapitlu 12, l-awtur iqiegħed lil Marija fl-isfond tax-xemx, tal-qamar u tal-kwiekeb: "U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha'' (12:1). Marija għalhekk hija mxebbha u marbuta intimament mal-kewkba li tirċievi d-dawl mix-xemx biex imbagħad iddawwal l-iljieli fuq wiċċ l-art.

Iżda f'dan l-innu, Marija hija msejħa "Kewkba tal-Baħar''. Fil-Bibbja l-baħar huwa meqjus bħala post ix-Xitan. Meta Ġesù mexa fuq il-baħar, dan fisser li huwa kellu s-setgħa wkoll fuq ix-Xitan. Fil-miraklu tax-xjaten li ħarġu minn dak l-imxajtan ta' Ġerasa, dawn kollha qabżu l-baħar (Mk 5: 1-20). Anki San Pietru jitkellem fuq "smewwiet ġodda u art ġdida'' (2 Piet 3:13), iżda mhux baħar ġdid. Issa f'dan l-innu Marija hija msejħa "Kewkba tal-Baħar'', mela kewkba biex *tikkalma t-tempesti qliel* ta' dan l-element, u f'sens spiritwali tgħin il-bniedem jirbaħ fuq ix-Xitan.

San Bernard, devot kbir tal-Verġni Mbierka, ifisser hekk l-espressjoni "Kewkba tal-Baħar'' għal Marija. Dan l-isem jixraq tassew lill-Verġni Marija, u hekk hija tiġi mxebbha għal diversi raġunijiet ma' kewkba. Kif il-kewkba tixħet ir-raġġ tad-dawl tagħha mingħajr ma titlef xejn minnu, hekk il-Verġni Marija wildet lil Binha Ġesù mingħajr ma tilfet xbubitha: *"Virgo concepit, virgo peperit, virgo permansit"*. Ir raġġ ta' dawl ma jnaqqas xejn mill-isplendur tal-kewkba; hekk ukoll l-Iben ma xellef xejn mill-integrità tal-Verġni. Fil-fatt Marija hija dik il-kewkba li ħarġet minn Ġakobb (Num 24:17) u li d-dawl tagħha sebbaħ l-univers kollu. Marija hija dik il-kewkba li tilma fuq il-wiċċ wiesa' tal-univers (Salm 103:25), biex imbagħad iddawlu u ssaħħnu bl-eżempji materni tagħha. Mela hemm raġuni tassew valida għaliex fl-innu lil Marija nsellmulha bħala Kewkba tal-Baħar.



## Triq

*Għinna ngħaddu ħajja mseddqa*
*żommna sħaħ fit-triq iż-żgura.*

Sewwa li ngħidu mill-ewwel li kien Kristu nnifsu li f'waħda mill-awtodefinizzjonijiet tiegħu qal li huwa t-Triq: "*Jien it-Triq, il-Verità u l-Ħajja*" (Ġw 14:6). Imma interessanti kif matul is-sekli numru ta' qaddisin għorrief raw ukoll f'Marija dak il-persunaġġ li jwassalna għand Kristu Ġesù: *"Ad Jesum per Mariam"*. Il-kelma teknika Griega hija *"Hodigritia"*, jew dik li tmexxi u twassal għand xi ħadd, li fil-każ speċifiku tagħna huwa Kristu.

L-ikona oriġinali li turi lil Marija bħala t-Triq kienet qiegħda f'Kostantinopli. Teodoru l-Qarrej, storiku tas-seklu sitta, kiteb li l-ikona ġiet mogħtija minn Ewkosja lill-imperatriċi Pulcheria ta' Kostantinopli (408-456). Din l-ikona qabel kienet Ġerusalemm, u bosta attribwew din il-pittura lill-evanġelista Luqa. Din il-pittura ta' Marija t-Triq, bil-Bambin f'dirgħajha, tgawdi fama u rispett kbir, u hija meqjusa bħala waħda mill-ħarriesa tal-belt ta' Kostantinopli. Dan ġej mill-fatt li din il-belt matul l-istorja għaddiet minn ħafna assedji, fejn bl-interċessjoni ta' Marija t-Triq dawn il-gwerer qliel intrebħu. Ta' sikwit in-nies kienu jagħmlu purċissjoni b'din l-ikona u jimxu biha saħansitra fuq is-swar tal-belt! Tant kellha mħabba u devozzjoni, li l-istess imperatur flimkien man-nies kienu jimxu ħafjin warajha, b'sinjal ta' rispett, imħabba u penitenza.

Biss matul l-aħħar assedju tal-belt, li ġara fl-1453, Kostantinopli ġġarrfet għal kollox, il-knisja tal-*Hodigritia* fejn kien hemm l-ikona ta' Marija saret ħerba, u l-inkwadru tal-Madonna tat-Triq ġie mkisser kompletament. Biss id-devozzjoni lejn Marija bħal t-Triq ma mititx, anzi għadha ħajja sa żminijietna, u mil-Lvant waslet ukoll fil-Punent. Xhieda ta' dan huma l-bosta santwarji antiki ħafna li hemm f'Ruma.

Iżda jibqa' l-fatt li Marija, Omm Ġesù, mhux biss jixirqilha li tkun it-Triq, imma *hija tassew it-Triq* li twassalna għand Binha Ġesù. Il-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II, fl-ewwel enċiklika tiegħu *Redemptor hominis* li kiteb fl-1979, jgħid li wieħed għandu jsib dejjem lil Marija fit-toroq kollha li jwasslu għand Binha Ġesù.♦



# Christmas 2007







# Christmas 2008











## *Christmas 2007*

The 2007 Christmas set of 3 stamps was a special issue. Special because this was the first time that the local post office had a joint issue with the Philatelic and Numismatic Bureau of the Vatican City. In fact the Vatican stamps shows the same images as that of the Malta stamps.

Issued on 20 November 2007 this set shows a reproduction of the Nativity painted by the Maltese artist Giuseppe Cali and found at St. Andrew's Parish Church in Luqa, Malta. Cali was born in Valletta of Neapolitan parents and educated at the Accademia delle Belle Arti in Naples. Several churches in Malta and Gozo boasts a work of his. He was sometimes nicknamed '*ix-xitan tal-pinzell*' ("the Devil with the brush"). He died in Valletta and was commemorated by the Republic of Malta with a series of four postage stamps in 1996, and a coin in 2004. This painting, together with another two, were unveiled on the occasion of the feast of Saint Andrew in November 1908. The painting as depicted on the €0.37 value shows, with his the Virgin Mary, Saint Joseph, two shepherds and a girl looking in amazement at the Son of God in a manger. The €0.19 and €0.63 values shows a detail from the same painting, Mary watching over her Son and the little girl looking at the new born Baby. The original painting is signed by the artist.

Printex Ltd. Printed this set using the offset method. Each stamp is 35.0mm square and have a perforation of 14.28 x 14.28 (comb). As on many other Malta stamps the paper is watermarked with Maltese Crosses.

Ref.: *MaltaPost stamp official bulletin no.260*

## *Maltese Scenary - 2007*

Maltese Scenery was the title of a set of 5 stamps issued by MalatPost plc on 1 October 2007.

The €0.37 value features a Qrendi scene while the €1.07 value depicts the Mgarr (Gozo) harbor and the village of Għajnsielem.

Qrendi is wee known for celebrating two feasts in honour of Our Lady under two titles, Our Lady of Lourdes which is celebrated either on the last Sunday of June or on the first Sunday of July, and the titular feast of the Ascension of Our Lady, popularly known as the feast of Santa Maria on the August 15. The ornate baroque Parish Church, designed by Lorenzo Gafà the architect of Mdina Cathedral, was completed in 1720.

The Qrendi stamp was chosen to form part of a joint stamp issue in the new Small European Postal Administrations Cooperation known as SEPAC.

The other stamp with Marian connection is the €1.07 value. It features Mgarr Harbour and the village of G'ajnsielem with its gothic parish church. Depicted several times on Malta postage stamps, M!arr is the visitor's first beckoning view. It is a welcome scene for tourists - and especially for Gozitan emigrants returning home. Mgarr harbor is dominated by a small chapel.This small yet imposing church dedicated to Our Lady of Lourdes, a replica of the famous *Notre Dame de la Garde* in Marseille, was built in 1888. It is complete with a cave in the cliffs underneath and a statue of the Virgin as found at Lourdes in France.

Għajnsielem parish church is dedicated to Our Lady of Loreto. The original parish church knows its beginning to a legend that states that a certain shepherd, Anġlu Grech, while attending his sheep in the vicinity of the spring, saw an apparition of a young Lady dressed in immaculately white garments. She invited him to raise a statue in her honour in an area close by. Anglu informed his fellow shepherds, friends and farmers of the vision and of the Lady's wish. In no time, a life-size

statue of the Virgin Mary was erected and the residents started meeting together in front of it, reciting the Rosary and other prayers. Parish Priest Dun Franġisk Mizzi was of the same idea. Architect Ugo Mallia was given the assignment to design a church on a Gothic-Lombard style in the form of a Latin Cross. Work started on 4 June 1922 and the foundation stone was officially laid in a special ceremony on 14 September 1924.When the first master mason retired, it took years to find a replacement. Then the Second World War brought the project to a standstill. Several other reasons were the cause for more delays that hampered the progress of the new church. One should mention a near double tragedy since builder Toni Vella fell from up high on two different occasions. Moreover, architect Mallia was replaced by Ġużè D'Amato. After the latter's death, his successor Joseph Mizzi was again replaced after eight years by the last architect: Joe Ellul Vincenti from Sliema. Under the leadership of Archpriest Espedito Tabone, the people of Ghajnsielem saw their dream fulfilled: at long last the church was completed in 1979. The next Archpriest, Mgr. Joseph Zerafa continued to enrich the church with works of art, including an elaborated wooden niche for the statue of the Madonna ta' Loreto.

This set of stamps was designed by artist John Martin Borg and printed by Printex Ltd., using the offset process. Each stamp measures 44.00m x 31.0m. And has a perforatin of 13.9 x 14 (comb). The paper is watermarked with Maltese Crosses.

Ref.: MaltaPost official bulettin no. 278.
'Gozo—the isle of joy on stamps' published in 2011 by the Gozo Philatelic Society.

## *Christmas 2008*

Another set of 3 stamps featuring Old Masters was issued for Christmas 2008 on 27 November 2008. All three stamps depict Our Lady as a mother of Our Lord Jesus Christ.

The€0.19 value shows Mary holding her Son close to her chest. This painting is entitled ' Virgin and Child with Infant St. John the Baptist, St Joseph is seen resting on his staff., while Jesus' cousin the child St. John the Baptist is depicted on the front, kissing the left foot of the Saviour. This painting is attributed to Franceso Trevisani, one of the major late baroque Italian artists active in Rome. The painting was transferred from the Grand Master's Palace to the Malta National Museum of Fine Arts in 1950.

The€0.26 value. The image on the stamp is a detail from a painting on panel entitled 'The Nativity of Christ.' The painting is signed by 'Alberto.' Very little is known about this artist although it is definitely a work of the 15 century. These are two unidentified personalities One of these, paying homage to the Lord is wearing a 15 century contemporary costume. This painting was donated to the Maltese Nation by Mrs. Emilia Zammit Clapp in 1922

.'Madonna and Child with Infant St. John the Baptist' is the title of the€0.37 value. It is the work of Carlo Maratta, a prominent baroque painter of Rome. Former Inquisitor of Malta, Fabio Chigi, and later Pope Alexander VII commissioned this artist, several paintings. This painting originally belonged to the Grand Master's Palace, in Valletta.

The design for this set was prepered by Dniel Mangani an offical of MaltaPost Philatelic Burau, and printed by Printex Ltd., using the offset process. Each stamp measures 48.00mm x 39.0mm. And has a perforatin of 14. x 14 (comb). The paper is watermarked with Maltese Crosses/

Ref: Sandro Debono-Heritage Malta/ MaltaPost official Stamp Bulletin no. 270.

*Anthony Grech*

# Maltese Scenery - 2007













# Marija fil-Mużika (9)

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu

***"Sliem għalik, Kewkba tal-Baħar, Omm Qaddisa u Kbira ta' Alla, dejjem Verġni bla mittiefsa, Bieb il-Hena u Ferħ tas-Sema".***

Dawn huma l-ewwel kelmiet tal-innu *Ave Maris Stella* li l-Knisja Universali tkanta bħala wieħed mill-innijiet liturġiċi b'tifħir lill-Verġni Marija. Dan l-innu jinsab fit-Tieni Għasar tal-Komun tal-Madonna fil-Liturġija tas-Sigħat. L-innu għandu oriġni mċajpar u aktarx imur lura sat-tmien seklu WK. Il-kliem tal-innu huwa attribwit lil diversi persuni, fosthom l-awtur Hermann Contractus li lilu huma attribwiti t-testi ta' bosta innijiet liturġiċi oħra.

Il-melodija oriġinali tal-innu tinsab fl-għanja *Gabhaim Molta Bride* li hija għanja ta' tifħir lil Santa Briġida tal-Isvezja. Din il-melodija ġiet żviluppata b'diversi modi minn kompożituri differenti mis-snin ta' qabel l-era Barokka sal-ġurnata tal-lum. Ir-Rit Ruman għandu erba' melodiji differenti għall-innu *Ave Maris Stella* – l-ewwel tlieta jintużaw fis-solennitajiet, festi u tifkiriet obbligatorji tal-Verġni Marija, filwaqt li l-melodija l-oħra tintuża fil-festi Marjani ż-żgħar.

Jeżistu bosta arranġamenti mużikali għal dan l-innu Marjan. Fl-era Rinaxximentali, l-aktar arranġamenti popolari kienu dawk tal-kompożituri **Felice Anerio**, **Giovanni Pierluigi da Palestrina** u **William Byrd**. Arranġament Barokk li żgur baqa' jissemma huwa dak tal-kompożitur **Claudio Monteverdi** msejjaħ *Vespro della Beata Vergine* u miktub fl-1610. Dan ix-xogħol ġie miktub b'dedika lill-Papa Pawlu V (Camillo Borghese, 1552-1621). Fl-era Romantika nsibu arranġamenti mużikali tal-kompożituri **Antonín Dvoøák**, **Edvard Grieg**, **Franz Liszt** u **Guillaume Dufay**. Kompożituri moderni li użaw it-test tal-innu *Ave Maris Stella* biex ħolqu melodiji differenti huma **Grace Williams**, **Peter Maxwell Davies** u **Trond Kverno**, fost oħrajn.

Il-kompożitur **Jean Titelouze** għandu kompożizzjoni mużikali miktuba fuq l-istil Barokk għal orgni. Din il-biċċa xogħol mużikali ġiet miktuba fl-1623. Titelouze kien kompożitur Franċiż, poeta u organista tal-era Barokka. L-istil tiegħu għandu għeruq sodi fit-tradizzjoni vokali ta' żmien ir-Rinaxximent u għaldaqstant nifirduh mill-istil ta' mużika Fran'iża miktuba għall-orgni li żviluppat f'nofs is-seklu sbatax. Madankollu, l-innijiet u l-arranġamenti mużikali li għandu, b'mod partikolari fuq il-Kantiku ta' Marija (il-*Magnificat*), huma l-aktar xogħlijiet bikrija fi Franza miktuba speċifikament għall-orgni. Jean Titelouze huwa meqjus bħala l-ewwel kompożitur tal-iskola mużikali Franċiża.

Arranġament mużikali ieħor huwa tal-kompożitur **Tomás Luis de Victoria**, li diġà kellna l-okkażjoni li nitkellmu fid-dettall dwaru f'artikli oħra ta' din is-sensiela. Din il-kompożizzjoni fuq l-innu *Ave Maris Stella* ġiet miktuba għal kor b'erba' vuċijiet (SATB) fl-1600 u l-istil tagħha huwa wieħed Rinaxximentali.

Il-kompożitur **Ivan Zajc** kien surmast u għalliem tal-mużika mill-Kroazja. Għal aktar minn erbgħin sena huwa ddomina l-kultura u t-tradizzjoni mużikali ta' art twelidu. Permezz tal-isforzi tiegħu għal riformi artistiċi f'dan il-qasam, Zajc jibqa' mfakkar għar-rivitalizzazzjoni u l-irfinar tal-mużika fil-Kroazja, li wasslu biex ikun hemm akkwisti mużikali ġodda u sinifikanti f'dan il-pajjiż. Dan il-kompożitur għandu arranġament mużikali tal-innu *Ave Maris Stella* għal mezzosopran bl-akkumpanjament tal-orgni. Ix-xogħol huwa miktub fl-istil Romantiku.

**Lorenzo Perosi**, li huwa magħruf għan-numru kbir ta' kompożizzjonijiet mużikali sagri li kiteb matul ħajtu, għandu arranġament mużikali għal dan l-innu miktub għal żewġ vuċijiet (tenur u baxx) bl-akkumpanjament tal-orgni.

**Cristofaro Caresana** għandu *Ave Maris Stella* miktuba fl-1688 fl-istil Barokk għal kor b'erba' vuċijiet.

Il-kompożitur **Frans Lizst**, meqjus wieħed mill-aqwa pjanisti ta' kull żmien, għandu żewġ verżjonijiet tal-innu *Ave Maris Stella*, waħda minnhom miktuba fl-1865 u l-oħra miktuba fl-1868. Dawn huma miktubin fl-istil Romantiku u ddedikati lil Jessie Laussot (1829-1905).



**Léo Delibes** huwa kompożitur Franċiż ta' diversi *ballets*, opri u xogħlijiet oħra għall-palk. L-aktar xogħlijiet importanti tiegħu huma *Coppélia* (1870) u *Sylvia* (1876), it-tnejn *ballets*, kif ukoll l-opri *Le roi l'a dit* (1873) u *Lakmé* (1883). Delibes għandu wkoll arranġament mużikali miktub għal sopran bl-akkumpanjament tal-pjanu jew orgni.

Il-kompożitur ċelebri **Edvard Grieg** għandu arranġament mużikali miktub fl-1899 fl-istil Romantiku għal kor bi tmien vuċijiet (SSAATTBB).

Arranġament mużikali ieħor ibbażat fuq it-test tal-innu Marjan *Ave Maris Stella* huwa dak tal-kompożitur **Antonín Dvoøák**, miktub fl-1879 għal vuċi bl-akkumpanjament tal-orgni.

Tmien snin wara, fl-1887, il-kompożitur **Edward Elgar** kiteb *Ave Maris Stella* għal kor b'erba' vuċijiet. Elgar kien kompożitur Ingliż. Xi xogħlijiet popolari tiegħu huma *Enigma Variations*, *Pomp and Circumstance Marches*, diversi kunċerti għal vjolin u vjolinċell, u żewġ sinfoniji. Huwa kkompona wkoll xogħlijiet korali, fosthom *The Dream of Gerontius* u għanjiet oħra.



Biċċa xogħol aktar riċenti bbażata fuq l-*Ave Maris Stella* hija tal-kompożitur kontemporanju **Arjay Nuas Viray**, li kiteb dan l-innu għal kor maskili b'erba' vuċijiet (TTBB).

Jeżisti wkoll arranġament mużikali *a cappella* miktub minn **Johannes Martini**.

Minbarra dawn id-diversi kompożizzjonijiet differenti bbażati fuq it-test tal-innu li fuqu qed nitkellmu f'dan l-artiklu, insibu wkoll bosta Quddies imsemmi għall-innu *Ave Maris Stella*. Bejn l-1486 u l-1495, il-kompożitur **Josquin Desprez** kiteb il-*Missa*

*Ave Maris Stella* li fiha sitt movimenti għal erba' vuċijiet (SATB). Din il-Quddiesa hija miktuba fl-istil Rinaxximentali. Fl-1544, il-kompożitur **Cristobal de Morales** kiteb *Missa Ave Maris Stella* għal kor b'ħames vuċijiet (SATTB) fl-istil Rinaxximentali. Din il-kompożizzjoni tinkludi *Kyrie*, *Gloria*, *Credo*, *Sanctus* u *Benedictus*, u *Agnus Dei*. Fl-1576, il-kompożitur **Tomas Luis de Victoria** kiteb *Missa Ave Maris Stella* fl-istil Rinaxximentali għal kor b'erba' vuċijiet.

Il-kompożitur **Abel Decaux** kiteb *Fuguette sur l'Ave Maris Stella* għall-orgni fil-bidu tas-seklu għoxrin, filwaqt li **Cesar Franck** kiteb *Prelude pour l'Ave Maris Stella* għall-orgni wkoll. Dan kollu jixhed għall-popolarità ta' dan l-innu Marjan fil-qasam mużikali.

Inkun qed nonqos jekk f'din il-kontribuzzjoni tiegħi ma nagħmilx riferenza għal tliet arranġamenti mużikali lokali fuq it-test ta' dan l-innu. Ser insemmi l-*Ave Maris Stella* tas-surmast Xagħri **Nazzareno Refalo** u anki ż-żewġ *Ave Maris Stella* tas-surmast Malti **Vincenzo Bugeja**.

Nazzareno Refalo twieled ix-Xagħra, Għawdex, fil-21 ta' Awwissu 1914. Għal diversi snin huwa kien *maestro di cappella* tal-Kolleġġjata u Bażilika ta' Marija Bambina fix-Xagħra, surmast tal-mużika fl-iskejjel primarji ta' Għawdex, surmast direttur tas-Soċjetà Filarmonika *Victory* tax-Xagħra, kompożitur, tenur u għalliem tal-mużika. Refalo għandu bosta kompożizzjonijiet sbieħ, l-aktar fejn tidħol il-mużika sagra. L-aktar kompożizzjoni li jibqa' msemmi għaliha hija, bla dubju ta' xejn, il-*Missa San Antonio* li huwa kien ikkompona fl-okkażjoni tal-Ewwel Quddiesa Solenni ta' ibnu, Mons. Anton Refalo, fl-1968.



Fost il-kompożizzjonijiet li huwa kiteb, is-surmast Refalo għandu wkoll *Ave Maris Stella* mill-isbaħ, miktuba għal solisti u kor b'erba' vuċijiet. Din il-kompożizzjoni tindaqq kull sena fil-jiem tat-Tridu bi tħejjija għall-festa titulari tat-Twelid ta' Marija fil-parroċċa tax-Xagħra. Is-surmast Refalo għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar il-Ġimgħa 9 ta' Jannar 2004, fl-età ta' 89 sena. Il-funeral tiegħu sar fil-Bażilika tax-Xagħra nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2004. Il fdalijiet tiegħu jinsabu jistrieħu fiċ-ċimiterju tax-Xagħra.

Is-surmast **Vincenzo Bugeja** huwa wieħed mill-ġganti Maltin tal-mużika sagra li tindaqq f'ħafna mill-festi titulari li jiġu ċċelebrati f'pajjiżna. Fost il-kompożizzjonijiet li kiteb, Bugeja għandu żewġ verżjonijiet differenti tal-innu *Ave Maris Stella*. Dawn il-kompożizzjonijiet jiġu esegwiti fost l-oħrajn fil-Bażilika tax-Xagħra fis-7 u t-8 ta' Settembru, lejlet u nhar il-festa titulari tat-Twelid ta' Marija. Waħda minn dawn il-kompożizzjonijiet tintuża bħala innu li jindaqq qabel it-Translazzjoni u qabel il-Pontifikal Solenni ta' jum il-festa, filwaqt li l-oħra tintuża bħala l-innu tal-Ewwel u tat-Tieni Għasar.

Ma' dawn iż-żewġ surmastrijiet u kompożituri lokali, nistgħu nsemmu bosta oħrajn, iżda ċertament li l-ispazju ma jippermettilniex.

L-innu *Ave Maris Stella* għandu għeruq sodi ħafna mhux biss fil-Liturġija tal-Knisja Kattolika Rumana iżda wkoll fit-tradizzjoni mużikali ta' diversi pajjiżi. Dan l-innu tistgħu ssibuh f'paġna 3 ta' din il-ħarġa. Ix-xewqa tagħna hi li nibdew nitolbu iżjed permezz tiegħu fiċ-ċelebrazzjonijiet tagħna b'tifħir, ġieħ u glorja lill-Omm Qaddisa ta' Alla. ♦

---

***Biblijografija:***

*Ave Maris Stella* f'*Catholic Encyclopaedia*.
*Liber Hymnarius*, Solesmes 1983.

English Corner



# Ave Maris Stella

Rev. Emanuel Magro

*Hail, Star of the sea! Blessed Mother of God, yet ever a virgin!*
*O happy gate of heaven!*

*Thou that didst receive the Ave from Gabriel's lips, confirm us in peace,*
*and so let Eva be changed into an Ave of blessing for us.*

*Loose the sinner's chains, bring light to the blind,*
*drive from us our evils, and ask all good things for us.*

*Show thyself a mother, and offer our prayers to him,*
*who would be born of thee, when born for us.*

*O incomparable Virgin, and meekest,*
*obtain us the forgiveness of our sins,*
*and make us meek and chaste.*

*Obtain us purity of life, and a safe pilgrimage;*
*that we may be united with thee in the blissful vision of Jesus.*

*Praise be to God the Father and to the Lord Jesus,*
*and to the Holy Spirit: to the Three one self-same praise.*

*Amen.*

A marvelous hymn to Mary sung in the Church for the last 1100 years. It has formed part of the Divine Office for Vespers on Marian feasts. It is prayed or sung up to the present day in the Divine Office and in the Little Office of the Blessed Virgin, Mary.

In just a few sentences its unknown author lists the main titles that Christians have given to Mary. She is "Star of the sea." As a star she guides the Christians to their safe haven, as a star guides the seafarers on their voyages on the seas until they reach a safe haven. Mary acts like a compass for Christians by which they can safely travel on their journey of life.

She is the "Mother of God," the mother of Jesus. She has answered God's invitation to partake in the salvation of all humanity. She generously accepted God in her life and for such a deed she was accorded the title Mother of God. Not that God has a mother; but she is the mother of God's only Son, Jesus. Such titles recall the annunciation event. As the author of this hymn says, through her answer to God to be the mother of His Son, she changed the era of Eva into one of blessing for all humanity. What Eva has done, Mary has undone. Eva has sinned and separated herself from her own Creator. Together with Adam, who also sinned, Eva was banished from the garden that God has created for them. Mary welcomed God in her life and accepted to carry God in her womb. She offered God her body to be His garden for redeeming and saving the human race. By bearing Jesus, she became the "Mother of God."

For her close cooperation with God in the redemption and salvation of all humanity, she is dutifully called "gate of heaven." Without her son this would remain closed to humanity. Only Jesus could open it through his self-offering on the cross and through his resurrection. Yet, to be able to die on the cross, Jesus needed to become human like any other human being. He needed to be carried and born of a woman. Through her motherhood she partakes in the saving mission of her son. She is "gate of heaven."

This hymn also presents Mary as the one who will accompany the Christians in their journey of life. She is to assist them in their pilgrimage until they reach the true goal of their life: "the blissful vision of Jesus." The author implores Mary to pray for all Christians that on their way to heaven, they will experience here on earth peace, freedom and all God's blessings. Like her they can experience and life God's abundant grace. They are to follow Mary in leading a chaste life, to be meek and pure in their dealings with God and with one another.

Their worldly journey toward heaven is, however, full of difficulties and perils. They can lose their inner peace. They can mistreat one another. The world full of its lures can blind them. They can become so concerned about worldly things that they sin by choosing the created thing instead of their Creator. They divert their attention to material things. They think that they can achieve the goal of their life here on earth and not in "the blissful vision of Jesus." They can become enslaved to their sins and feel helpless in breaking the chains of their own sins.

Mary is to intercede for them. This hymn implores Mary to pray for all Christians that they will become aware of their sins, repent of them and resume a life of purity and meekness. Like her they are called to lead a life in union with God and to express such a communion by loving one another. They are to be meek, to be aware how God is so important in their life that without God they cannot lead a good life, without God they cannot reach the goal of their life.

Mary, Star of the Sea, continue to guide us and pray for us on our journey of life. ♦



# mid-dinja marjana

miġbura minn
Dun Geoffrey G. Attard

aħbarijiet

## Il-Verġni Marija qrib is-sofferenti

Nhar il-11 ta' Frar ġie ċċelebrat il-Jum Internazzjonali tal-Morda waqt li l-Knisja Kattolika madwar id-dinja ċċelebrat it-tifkira liturġika tal-Madonna ta' Lourdes. Patri Maria Piatti ICMS, direttur ta-rivista *Maria di Fatima* kiteb artiklu dwar ir-rwol ta' Marija fit-tbatija tan-Nisrani u tal-bniedem in ġenerali. Patri Piatti għamel riferenza għall-eluf ta' pellegrini li bħal sena assedjaw is-santwarji ta' Lourdes u t-tlett bażiliċi tagħha sabiex juru d-devozzjoni tagħhom lejn Marija, Sultana tal-Morda. Piatti jsemmi li bħalma jiġri fil-'postijiet jew spazji tal-Ispirtu', il-morda jintelqu f'idejn il-ħarsa materna tal-Verġni Mbierka. Hu jsemmi wkoll kemm hu mportanti li l-bini sagru, l-opri tal-arti, iċ-ċelebrazzjonijiet solenni u l-inizjattivi u l-konvenji kulturali għandu dejjem ikollhom l-għajn tal-qawwa tagħhom fl-'għeruq sempliċi' tal-Vanġelu: huma għandhom jiksbu s-sens tagħhom minn dik l-*Ave* anġelika li semgħet il-Verġni ta' Nazaret fil-ġabra ta' darha, fil-meditazzjoni assidwa tar-Rużarju Mqaddes, fil-frekwenza tas-sagramenti u fis-sostenn silenzjuż tal-ħin mgħoddi quddiem ĠesuÏ Ewkaristija. Ir-raħal darba xejn magħruf ta' Lourdes f'riġlejn il-Pirinej sar is-simbolu universali tat-tbatija umana: mhux fis-sens ta' post fejn id-dulur għami jew mingħajr sens isib min iħaddnu imma fis-sens ta' post fejn it-tama Nisranija ssib il-'belt kapitali' tagħha, iċ-ċentru tal-preżenza kollha tagħha. Hawnhekk, f'Lourdes, itenni Patri Piatti, tinstab bħal ċittadella ta' solidarjetaÏ fejn tbissima, ġest ta' attenzjoni jew kelma ta' konfort jakkwistaw sinifikat ġdid u rinfreskanti. It-tbatija li hija sinjal tal-ħajja u tad-destin tal-bniedem issib f'Lourdes permezz tal-grazzja t'Alla d-dinjitaÏ sħiħa tagħha u tinfetaq quddiem xenarji ta' libertaÏ, ta' dawl u ta' sliem. Imdawla mis-salib, is-siegħa l-aktar iebsa u tqila tas-sofferenza umana timtela bir-raġġi ħassiela tal-grazzja tal-Qawmien. Kristu, 'il-bniedem tat-tbatija' li jaf sewwa xi tfisser is-sofferenza (Iżaija 53: 3) ried jassoċja ruħu mal-Verġni Omm tiegħu u jseħibha miegħu f'dan il-misteru u b'dan il-mod daħħalha biex ikollha sehem fil-missjoni sħiħa u redentiva tiegħu. Espert fit-tbatija, fil-għerf tad-dulur, Marija hija simbolu tal-innoċenza tat-tfal u hija hi li timla l-qlub tagħhom bis-sliem tal-Qalb Immakulata tagħha; hija titlob għal dawn uliedha li jieħdu sehem mill-offerta ġeneruża lill-Missier li minnha hi stess tagħmel sehem.



## Ħamsin Sena mill-Konċilju

Nhar il-11 ta' Ottubru 2012 jaħbat il-ħamsin anniversarju mill-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II. Dak in-nhar il-Papa sa jinawgura wkoll il-ftuħ tas-Sena tal-fidi permezz tal-Motu Proprju 'Porta Fidei'. Din is-sena sa tagħlaq nhar il-festa solenni ta' Kristu Re fl-24 ta' Novembru 2013. Din is-sena li qegħdin fiha tfakkar ukoll l-għoxrin sena mill-pubblikazzjoni tal-'ktieb tal-fidi' jiġifieri l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika. L-aħħar darba li kienet ipproklamata s-sena tal-fidi kien fis-sena 1967 mill-Papa Pawlu VI; dik is-sena kienet tfakkar ukoll id-dsatax-il ċentenarju mill-martirju tal-appostli San Pietru u San Pawl. Il-Verġni Marija hija l-mara tal-fidi per eċċellenza għaliex hi emmnet fit-tħabbira tal-Arkanġlu Gabrijel li permezz tagħha Marija spikkat bħala l-verġni tal-ubbidjenza. Hija u żżur lil qaribitha Eliżabetta, hija għolliet leħenha quddiem Alla sabiex tfaħħru permezz tal-innu memorabbli tal-Manjifikat. B'ferħ kbir f'qalbha hija tat id-dawl lill-uniku Iben ta' Alla waqt li żammet bla mittiefsa l-verġnitaĪ tagħha u baqgħet fidila lejn id-don tal-maternita' kemm fil-mumenti diffiċli tal-persekuzzjoni ta' Erodi kif ukoll taħt is-salib fuq il-Kalvarju.

## Patruna taċ-ċiklisti

Min iżur il-belt ta' Bellagio qrib Como imsejħa bir-raġun kollu 'il-gawhra tal-Lario' jibqa' msaħħar bil-paesaġġ sabiħ li jdawwarha. Fost il-postijiet interessanti li nsibu hawnhekk insemmu s-Santwarju magħrufa bħala tal-*Madonna del Ghisallo* li jinsab f'Margreglio madwar 754 metru fil-għoli 'l fuq mit-triq prinċipali; matul is-snin dan il-post sar bħal mekka għal tant u tant ċiklisti minn madwar l-Italja kollha. Il-knisja ċkejkna u modesta li llum hija santwarju Marjan imfittex tmur lura għal madwar elf sena; fiha wieħed isib meqjuma ikona li turi lill-Verġni Mbierka tagħti l-ħalib liċ-ċkejken ĠesuĪ. It-tradizzjoni tal-post tgħid li meta darba waħda l-Konti Ghisallo kien jinsab għall-kaċċa safa attakkati minn xi ħallelin tat-triq li heddewh għall-mewt. Hu ntefa' fuq riġlejh quddiem ix-xbieha tal-Madonna u f'daqqa waħda ntebaħ li l-brigandi kienu



tbegħdu mill-post. Minn dak in-nhar 'il quddiem din ix-xbieha bdiet tissejjaħ bħala 'la Madonna del Ghisallo'. Fis-seklu erbatax inbniet kappella akbar minn dik ta' qabilha li nqerdet bil-maltemp. Imbagħad fl-1623 inbniet knisja ċkejkna u fl-1681 inbena speċi ta' zuntier għal quddiemha li jikkonsisti fi tlett arkati. Ix-xbieha li hemm llum għall-qima tal-fidili hija kopja ta' dik oriġinali. Fl-1948 il-Papa Piju XII inawgura l-fjakkola permamenti tal-Ghisallo mitluba minn ċiklisti professjonisti u anke mill-istess rettur tas-santwarju Don Ermelindo Vigano. Fit-13 ta' Ottubru 1949 permezz ta' brevi pontifiċju l-istess Papa Piju XII iddikjara lill-Madonna meqjuma f'dan is-santwajru bħala patruna taċ-ċiklisti. Għal madwar ħamsin sena gruppi diversi minn madwar id-dinja taw lil dan is-santwarju biċikletti, trofej u t-shirts u oġġetti oħra simili marbuta ma' dan l-isports. Matul is-snin twieled ukoll il-grupp sportiv tal-Madonna 'del Ghisallo' sabiex ifakkar id-diversi manifestazzjonijiet li jsiru fosthom il-*Piccolo* kif il-*Grande Giro di Lombardia* u anke l-Ġurnata Nazzjonali tal-Biċikletta. Qed jinbena wkoll mużew kbir taċ-ċirkliżmu f'dawn l-inħawi. Mhux wisq bogħod mis-santwarju hemm ukoll park kbir f'diversi nħawu pittoreski ta' ġmiel tassew singulari.♦

(ikompli minn paġna 11)


- To clean the stains ethanol was tested however, this did not give satisfactory results.
- As an alternative to solvent cleaning it was decided to use a gel. Therefore, a gel mixture of Pemulin, TEA and benzylalcohol was tested. This gave good results and was used to clean the pictorial layer. The gel was applied with a brush and left to react for 10 seconds then it was removed with a piece of cotton. The treated area was neutralized with white spirit (Fig. 3).



Following a previous conservation campaign at Ta' Pinu in which bozzetti were stretched onto stretcher frames in order to be displayed it was decided to stretch these paintings so that they can be displayed in the same manner. Since the canvas paintings do not have any extra boarder of canvas to be used as tacking margin it was decided to strip line the canvas so as to be able to stretch the paintings onto a new expandable stretcher frame.

- Strips of canvas were cut corresponding to the length of the original canvas support. To avoid imprints of the canvas strips on the original painting the edges had to be thinned down. Therefore, some warp threads along the lengths of the canvas strips were removed and the loose weft threads were thinned down using a scalpel and a wire brush.
- The edges of the canvas strips including the feathered areas were coated with an acrylic emulsion (Plextol B500) and left to dry.
- Once dried the area with adhesive was reactivated with xylene and the strips of canvas were placed on the edge of the original canvas support (Fig. 4). The strips of canvas were ironed from the back and there pressure was applied while the solvent evaporated and the adhesive dried.



- The painting was stretched onto a new expandable stretcher frame using galvanized staples.
- The stained areas were retouching with varnish colours so as to tone them down (Fig. 5).
- The paint layer was subsequently protected with an acrylic resin, Plexisol P550 1:3 in white spirit,


Fig. 5

which was applied using a spray gun (Fig. 6).

*Care and Maintenance*

Certain preventive steps must be taken in order to ensure retardation of further deterioration or damage to the painting once it is being displayed. The general approach towards preventive measures involves proper maintenance of the environment in which the painting is displayed or stored. Primarily climatic conditions such as temperature and relative humidity must remain stable. Furthermore there must be sufficient protection from light and pollutants that might reach the painting. Direct sunlight should be avoided; tungsten lightings which emit heat should not be placed closed by to the painting and florescent lighting which produces UV radiation should be avoided. Ventilation is also very important, stale air encouraged biological growth. The painting should not be subject to unnecessary handling. However, periodically the painting should be carefully examined for any signs of any biological infestation. ♦



EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
MALTA 2007-2013

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
*Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life*
Contract part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 72.25% EU funds; 12.75% National Funds; 15% NGOs

***Investing in your future***

**Project: "Discovering Religious and Cultural Tourism in Gozo - ERDF 140"**

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



miġbura minn
Ivan Attard

## OTTUBRU 2011

**It-Tlieta, 4 – Ġimgħa, 7:** F'dawn il-jiem ir-rettur Dun Gerard Buhagiar ħa sehem fit-18 il-Simposju Marjoloġiku Internazjonali li kien organizzat mill-Universita' Pontificia Marianum ta' Ruma. It-tema ta' dan is-simposju kienet: "Il-Figura ta' Marija: bejn Fidi, Raguni u Sentiment''. Għal dan is-simposju attenda wkoll is-saċerdot il-ġdid Dun Samuel Grech li bħalissa qed jistudja l-Marjoloġija f'din l-universita'.




**L-Erbgħa, 5:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-anniversarju taż-Żwieġ tal-koppja Apap Bologna. Iċ-ċelebrant kien Mons. Mikiel Mintoff.

**Is-Sibt, 8:** Ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lil James, iben Joseph u Trudy Buttigieg. Iċ-ċelebrant kien il-Kan. Mikiel Galea.

**L-Erbgħa, 19:** Dun Stephen Magro ċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-ordinazzjoni djakonali ta' Dun George Schembri mill-parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi u sħabu, b'talba biex, bl-inter'essjoni tal-Madonna Ta' Pinu, dawn id-djakni jipperseveraw fis-sejħa tagħhom għall-qadi ta' Alla u l-Knisja tiegħu.

**Is-Sibt. 22:** L-Istitut Sekulari *Spigolatrici della Chiesa*, li għandhom is-sede tagħhom fix-Xagħra, fakkru l-għaxar anniversarju mill-mewt tal-fundatriċi tagħhom, Pia Tavernelli, permezz ta' Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Din tmexxiet minn Mons. Carmelo Farrugia, assistent ekkleżjastiku għall-Arċidjoċesi ta' Malta. Flimkien miegħu qaddsu Mons. Salv Grima u r-rettur tas-santwarju Dun Gerard Buhagiar. Wara l-Quddiesa saret adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-persuni kkonsagrati, li tmexxiet minn Mons. Carmelo Hili.

***Pellegrinaġġi:***

**L-Erbgħa, 5:** Saru żewġ pellegrinaġġi lejn is-santwarju, wieħed mill-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem u l-ieħor mill-parroċċa ta' Marija Addolorata f'San Pawl il-Baħar.

**Is-Sibt, 8:** Il-Kan. Emmanuel Saliba, arċipriet emeritu tal-parroċċa taż-Żebbuġ, mexxa Quddiesa fi tmiem ta' pellegrinaġġ lejn is-santwarju organizzat minn grupp ta' parruċċani mill-parroċċa ta' San Bartilmew f'Ħal Għargħur.

**Il-Ġimgħa, 21:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' persuni li jaħdmu fir-*Renal Unit* tal-Isptar *Mater Dei*. Ġiet iċċelebrata Quddiesa għalihom mill-Kan. Mikiel Cauchi.

## NOVEMBRU 2011

**It-Tlieta, 1:** Solennità tal-Qaddisin Kollha. Fil-Quddiesa tas-6.30pm ġie mfakkar ukoll il-wieħed u sittin anniversarju mill-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunta, titular tas-santwarju.

**L-Erbgħa, 2:** Tifkira Solenni tal-Erwieħ tal-Purgatorju. Fil-Quddies kollu li ġie ċċelebrat fis-santwarju sar talb għall-benefatturi mejtin.

**It-Tlieta, 15:** Ir-rettur tas-santwarju Dun Gerard Buhagiar attenda għall-Quddiesa Pontifikali fil-Katidral ta' Għawdex li matulha sar talb għal ruħ l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritu tad-Djoċesi ta' Għawdex, f'għeluq l-ewwel anniversarju mill-mewt tiegħu. Ta' min ifakkar li Mons. Cauchi kellu mħabba u devozzjoni speċjali lejn il-Madonna Ta' Pinu. Wara li rtira mill-kariga ta' ragħaj spiritwali tad-djoċesi, huwa kien imexxi ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi prinċipali (bħall-festi tal-Milied u t-Tridu tal-Għid) fis-santwarju tagħna. Il-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem!

**Il-Ħamis, 17:** Mons. Jimmy Xerri, arċipriet tan-Nadur, iċċelebra Quddiesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu li fiha talab għall-erwieħ tal-familja tiegħu.

**Is-Sibt, 19:** Il-Kan. Tonio Galea mexxa Quddiesa skond l-intenzjoni ta' persuna fl-okkażjoni ta' għeluq sninha.

**Il-Ġimgħa, 25:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa f'għeluq l-irtir annwali tal-patrijiet Agostinjani, iċċelebrata mill-istess predikatur tal-irtir, l-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo, b'talb speċjali biex il-Verġni Marija tkompli tħares il-familja Agostinjana. Fl-istess jum, żewġ familji Maltin inġabru quddiem il-Madonna Ta' Pinu biex jirringrazzjawha tal-grazzji kbar li hija xerrdet fuqhom matul din is-sena.

**Is-Sibt, 26:** Tfakkar l-għaxar anniversarju mit-twaqqif tal-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Persuni Neqsin mid-Dawl (GAVI). Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' Radd il-Ħajr minn Dun Joseph Bajada, kappillan tal-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana. Kien hemm bosta membri minn din l-għaqda li ngħabru fis-santwarju biex jieħdu sehem f'din il-Quddiesa.





L-Arċipriet tal-Bażilika ta' San Paolo Fuori le Mure, f'Ruma, l-Arċisqof Mons. Francesco Monterisi għamel żjara fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Huwa kien akkumpanjat min-Nunzju Appostoliku l-Arċisqof Mons. Tommaso Caputo. Huwa ġie milqugħ mir-Rettur tas-Santwarju, u wara li għadda ħin ta' talb fil-Kappella tal-Madonna, ġie mdawwar mas-Santwarju.





***Pellegrinaġġi:***

**Is-Sibt, 26:** F'din il-ġurnata sar pellegrinaġġ lejn is-santwarju minn tliet mitt sewwieqbil-muturi tagħhom li ġew mill-Italja, flimkien ma' ħamsin oħra mill-Għaqda tal-Muturi Maltin. Fuq iż-zuntier tas-santwarju sar it-tberik tal-muturi mir-rettur tas-santwarju Dun Gerard Buhagiar. Wara, is-sewwieqa tal-muturi daħlu fil-Kappella tal-Madonna fejn ressqu t-talb u l-intenzjonijiet tagħhom.

## DIĊEMBRU 2011

**Il-Ħadd, 4:** Tfakkar il-Jum Internazzjonali ddedikat lill-Persuni b'Diżabbiltà u l-ħdax-il anniversarju mill-ftuħ uffiċjali ta' *Dar Arka* f'Għajnsielem. Għal dan l-għan ġiet iċċelebrata Konċelebrazzjoni Solenni li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Flimkien miegħu qaddsu Mons. Manwel Curmi, direttur ta' *Dar Arka*, il-Kan. Michael Galea, assistent direttur, u r-rettur tas-santwarju Dun Gerard Buhagiar. Anima l-liturġija l-Kor *Nativitas* akkumpanjat fuq l-orgni mill-organista Ivan Attard. Wara l-Quddiesa sar riċeviment fis-sala ta' taħt is-santwarju.



**It-Tlieta, 6:** Saret żjara lis-santwarju minn Mons. Guido Calleja, kappillan f'parroċċa fid-Djoċesi ta' Alabama fl-Istati Uniti. Mons. Calleja serva għal diversi snin bħala kappillan tal-parroċċa ta' San Ġiljan, kappillan tal-parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema u Segretarju Amministrattiv tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta. Flimkien miegħu ġie wkoll Mons. Lawrenz Gatt. Fl-istess ġurnata, Patri Robert Farrugia ċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq l-erbgħin anniversarju miż-Żwieġ ta' koppja minn Malta.

**L-Erbgħa, 7:** Lejlet is-solennità tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija. Fis-6.00pm sar ir-Rużarju meditat fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu u fis-6.30pm ġiet iċċelebrata Quddiesa bil-kant tal-Ewwel Għasar integrat, li tmexxiet mill-Kan. Eddie Vella flimkien mar-rettur Dun Gerard Buhagiar.

**Il-Ġimgħa, 9:** Fl-okkażjoni taż-żjara tiegħu f'Għawdex, l-E.T. Mons. Isqof Gabriel Mariti żar ukoll is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu.

**Is-Sibt, 10:** Ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lil Lordan, iben Anthony u Sharlina Farrugia. Wara l-Quddiesa din it-tarbija ġiet ippreżentata lill-Madonna Ta' Pinu.

**It-Tlieta, 13:** Solennità tat-Tmenin Anniversarju mid-Dedikazzjoni tas-Santwarju-Bażilika tal-Madonna Ta' Pinu. Dan is-santwarju ġie kkonsagrat mill-E.T. Mons. Isqof Mikiel Gonzi fit-13 ta' Diċembru 1931. Il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr saret fis-6.30pm u mexxa l-Kan. Eddie Vella flimkien mar-rettur Dun Gerard Buhagiar. Anima l-Quddiesa l-Kor *Nativitas* akkumpanjat fuq l-orgni mill-organista Ivan Attard.

**Il-Ħamis, 15:** Ingħata bidu għan-Novena tal-Milied: disat ijiem ta' tħejjija spiritwali għas-solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Din is-sena l-Quddiesa bil-prietka tan-Novena tmexxiet mill-Kan. Emmanuel Saliba, arċipriet emeritu tal-parroċċa taż-Żebbuġ.

**Presepju fuq l-Għolja Ta' Għammar:** Fil-ġranet tal-Milied l-Għolja ta' Għammar inbidlet f'xenarju tassew sabiħ, presepju bil-figuri tiegħu kollha mdawla. Fis-sena 2008 tpoġġew għall-ewwel darba l-figuri ta' San Ġużepp, tal-Verġni Marija u ta' Ġesù Tarbija mqiegħed fil-maxtura u din is-sena żdiedu aktar persunaġġi tal-presepju. Dawn il-pasturi tad-dwal huma ta' qisien differenti, bl-akbar wieħed ta' tmien piedi u l-iżgħar wieħed ta' tliet piedi.



**Il-Ġimgħa, 23:** Ġie amministrat is-sagrament taż-Żwieġ lil koppja mill-parroċċa ta' San Lawrenz. Iċċelebra Dun Injazju Borg, kappillan ta' San Lawrenz, assistit mill-Kan. Reuben Micallef, arċipriet taż-Żebbuġ, u l-Kan. Brian Meilak, kappillan ta' Ta' Kerċem.

**Is-Sibt, 24:** Lejlet il-Milied. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Lejl Qaddis tal-Milied bdiet fil-11.30pm bil-purċissjoni ta' Ġesù Bambin, li tqiegħed fil-maxtura taħt l-altar-mejda tas-santwarju, u l-prietka tradizzjonali tal-Milied li din is-sena saret minn Marie Georgette Spiteri. Dritt wara, saret it-talba tal-Uffiċċju tal-Qari tal-Milied segwita minn Konċelebrazzjoni Solenni li tmexxiet mill-Kan. Eddie Vella, akkumpanjat mir-rettur tas-santwarju Dun Gerard Buhagiar, Mons. Beneditt Camilleri u Dun Daniel Xerri, rettur tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. Anima l-liturġija l-Kor *Stella Maris* akkumpanjat fuq l-orgni mis-Surmast Carmel P. Grech.

**Is-Sibt, 31:** L-aħħar jum tas-sena. Fis-6.30pm saret Quddiesa ta' Radd il-Ħajr li matulha tkanta l-innu tat-*Te Deum* bħala ringrazzjament lil Alla għall-grazzji msawba fuqna matul is-sena 2011.

***Pellegrinaġġi:***

**L-Erbgħa, 14:** Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem. Fl-istess jum saret ukoll żjara mill-komunità Agostinjana ta' Ħal Tarxien.

**Il-Ġimgħa, 16:** Pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' San Franġisk ta' Assisi fil-Qawra, immexxi mis-Sur George Attard.

**It-Tnejn, 26:** Pellegrinaġġ mill-membri tas-Soċjetà *Dun Filippu Borgia* ta' Birkirkara.



# "Kien jisimha Marija" (Lq 1:27)

**mill-Arċ. Carmelo Mercieca**

Ngħidu xi ħaġa dwar dan l-isem li hu ssimbolizzat minn Kewkba tal-Baħar u jaqbel ħafna għal Marija, Verġni u Omm.

- Bir-raġun kollu Marija ġiet imqabbla ma' kewkba, għax kif il-kewkba tiddi mingħajr ma tinħall jew tikkonsma ruħha, hekk, mingħajr ma ġiet mittiefsa xbubitha, il-Verġni Marija wildet l-Iben ta' Alla.
- Hekk kif ir-raġġ ma jnaqqas xejn mid-dija tal-kewkba, l-istess l-Iben, ma jnaqqasx jew ma jtebbax is-safa ta' Ommu Marija.
- Hija Marija, il-Kewkba ta' Ġakobb, li ddawwal l-univers kollu, li d-dija tagħha tilma fis-smewwiet u fl-abbissi, tinfed id-dinja kollha, tħeġġeġ lill-ispirtu aktar milli lill-ġisem, tkabbar il-virtujiet u teqred il-vizzji.
- Marija hija l-kewkba waħdanija li tiddi fuq il-baħar kbir tal-ħajja, imżejna bil-merti u tiddi bl-eżempji tagħha.

**U int, ja bniedem,** li fost it-taqlib kontinwu tal-ħajja preżenti, tintebaħ li int imkaxkar 'l hawn u 'l hinn mit-tempesti mingħajr ebda ħajt tal-kenn: żomm ħarstek fissa fuq id-dija ta' din il-kewkba jekk ma tridx li d-dgħajsa tiegħek tiġi miknusa mill-irwiefen qalila tal-ħajja.

- Jekk iqumu l-irwiefen tat-tentazzjonijiet u tinsab mixħut fuq il-blat tat-tribulazzjonijiet, **ħares lejn il-kewkba u sejjaħ lil Marija**.
- Jekk il-korla, ix-xeħħa u l-ġibdiet tal-ġisem jaħbtu għall-ġifen tal-ispirtu tiegħek, **ħares lejn Marija**.
- Jekk int tinsab imriegħex minħabba l-kobor ta' dnubietek, imħawwad minħabba t-tniġġis tal-kuxjenza tiegħek, imbeżża' mill-qilla tal-ħaqq ta' Alla, u hekk tibda nieżel 'l-isfel fl-abbiss tad-dwejjaq u fid-dagħbien tad-disperazzjoni, **aħseb f'Marija**.
- Fil-perikli, fid-dwejjaq u fl-inkwiet, **aħseb f'Marija u itlob lil Marija**.

**Ħa jkun isem Marija dejjem f'fommok u f'qalbek, u biex taqla' l-għajnuna tat-talb tagħha, la tinsiex it-tagħlim tagħha.**

Jekk timxi fuq l-eżempji tagħha - ma tintilifx.
Jekk issejħilha - ma taqtax qalbek.
Jekk taħseb fiha - ma tiżbaljax.
Jekk tistrieħ magħha - ma tiżloqx.
Taħt il-ħarsien tagħha - ma tibża' minn xejn.
Taħt it-tmexxija tagħha - ma tegħjiex.
Bil-barka tagħha - tasal fil-port mixtieq.

U hekk inti stess iġġarrab xi tfisser dik is-silta mill-Vanġelu: "Kien jisimha Marija" (Lq 1:27). ◆




# L-Għanja tal-Qaddejja
## (L 14-il Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring,*
*maqlub għall-Malti*
*minn Francesco Pio Attard*

## Marija u Ġużeppi

"It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Żewgħha Ġużeppi, li kien raġel ġust u ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies. Meta kien għadu qiegħed jaħsibha, deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: 'Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi sa jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù [Alla hu Feddej], għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom'. Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: 'Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u ssemmih Għimmanu-El', li bi lsienna jfisser 'Alla magħna'. Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil martu għandu. Imma baqa' ma għarafhiex sa ma kellha iben, u semmieh Ġesù" (Mt 1:18-25).

Faċli li wieħed jiskopri l-intenzjoni ta' din is-silta mill-vanġelu ta' Mattew. L-għan ewlieni hu li tafferma bil-qawwa t-twelid verġinali. Kristu jitwieled mill-Verġni Marija bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Hu kellu biss missier wieħed, il-Missier tas-Sema. Min-naħa l-oħra l-Vanġelu jeżalta r-rwol ta' Ġużeppi. Mattew ifittex il-linja tiegħu lura sa Abraham, missierna fil-fidi; Ġużeppi hu ppreżentat bħala raġel ta' fidi soda u ta' ġustizzja kbira.

Hu kien "raġel ġust". Min jaf kemm iljieli għamel ma jorqodx meta ra li l-verġni mgħarrsa miegħu kienet tqila! U minkejja dan hu ma jħallix lilu nnifsu jinħakem minn suspett jew akkużi. Id-deċiżjoni li diġà ħaseb f'moħħu m'hix skond il-liġi miktuba jew it-tradizzjoni, imma sempliċiment skond il-liġi ta' l-imħabba. Fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet legali hu kellu jagħti dikjarazzjoni bil-miktub lill-kbarat bil-motivi għad-deċiżjoni tiegħu li jkeċċi lil Marija. Dan kien iġibilha tbatija kbira. Waqt li jħoss li m'għandu l-ebda dritt jiżżewwiġha, hu jsib soluzzjoni li tħarsilha r-riputazzjoni tagħha b'mod li t-tradizzjoni ma setgħetx tagħmlu. Id-diqa tiegħu żgur li kienet kbira bħal dik ta' Abraham li ħaseb li kellu joffri b'sagrifiċċju lill-ewwel iben tiegħu, Iżakk. Bħal Abraham, Ġużeppi jirċievi rivelazzjoni minn għand l-anġlu ta' Alla, rivelazzjoni li tiftaħ għal kollox orizzonti ġodda.

Hu jaf mill-Iskrittura li l-Verġni tagħti isem lil Binha, l-isem ta' Ġesù. Issa l-anġlu ta' Alla





jistiednu jaqsam mal-Verġni fil-privileġġ tagħha li tmiss ma' kemm hu qrib Alla f'Ġesù, il-Feddej. Hu jingħata lil Marija u Ġesù bħala sieħeb u sapport għall-jiem ta' ferħ u għas-sigħat kruċjali.

Fih l-istorja tal-Patrijarki, li hi storja ta' fidi u eżodu, tiġi megħjuxa mill-ġdid. Nistgħu wkoll nagħtuh ġieħ bl-isem ta' Patrijarka; għax fih, ġust u qawwi fil-fidi, l-istorja tal-Patrijarki tasal għall-aqwa milja tagħha. "Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham jobdi s-sejħa ta' Alla, meta dan qallu biex imur f'art li kien sa jagħtih b'wirt; u telaq, bla ma kien jaf fejn kien sejjer. Kienet il-fidi li ġagħlitu jgħammar fl-art imwiegħda, qisu barrani f'art barranija" (Lhud 11:8-9). Ġużeppi wkoll jilqa' l-missjoni li sa tmexxih fit-toroq li anqas hu stess għadu ma jaf, imma lilu dejjem narawh jivvjaġġa fit-triq tal-fidi, u għalhekk hu jirċievi dawl mill-akbar, aqwa minn dak ta' Abraham. Maġenb Marija, Ġużeppi, meqjus b'missier Ġesù quddiem il-liġi, jilgħab rwol attiv fl-istorja tas-salvazzjoni. Fl-umiltà u l-fidi tiegħu hu jagħraf, ma' Marija, l-isem ta' Ġesù, "l-Għimmanu-El, Alla magħna". Ma' Marija hu jkanta fil-qalb ta' Ġesù l-għanjiet tal-Qaddej, bil-kelma u bl-għemil.

Ġużeppi jgħix mingħajr ebda sigurtà ta' din l-art; meta jasal Betlehem ma jsibx dar għal Marija u għal Binha fejn jitwieled; ma' Ġesù u Marija hu jgħix, mill-ġdid, l-istorja ta' Israel, poplu refuġjat fl-Eġittu. Jerġa' lura lejn Nazareth bit-tama tiegħu f'Alla waħdu. Min-nuqqas sħiħ ta' sigurtà ta' din l-art toħroġ għalih l-esperjenza ta' Alla li hu l-blata tagħna. Hu jgħallimna kif ngħixu bil-fidi u t-tama ma' Marija u Ġesù.

Il-Knisja tal-lum tgħix mill-ġdid dak l-eżodu stupend fit-transizzjoni minn era waħda għal li jmiss. Uliedha qed jitilfu ħafna sigurtajiet tad-dinja waqt li numru mhux żgħir ta' tradizzjonijiet umani qed jiġu mhedda. F'din il-qagħda, l-umanità tista' tħares lejn il-Familja Mqaddsa u titgħallem li m'hix xi ħaġa tal-Kristjani li jfittxu sigurtajiet ta' din l-art, imma għandhom isibu l-qawwa fil-fidi. Hu l-għan tal-ħajja tal-Knisja li turi l-fiduċja f'Alla, li tgħix fil-preżenza tiegħu u taf li Alla sa jaqbeż għaliha. Hu biss il-qawwa tagħha u hu jieqaf ma' dawk kollha li jemmnu fih.

***Infaħħruk, Alla qaddis, għax f'San Ġużepp***
***wassalt għall-milja tagħha***
***l-istorja tal-Patrijarki,***
***u bi grazzja kbira tajtu lil Ġesù u Marija***
***bħala sieħeb u ħarries.***
***Int beriktu b'fidi qawwija u fiduċja kbira fik.***
***Bl-interċessjoni ta' Marija u Ġużeppi,***
***nitolbu li dejjem tibqa' tħares***
***il-Knisja tiegħek***
***u tberikha bid-doni tal-fidi u l-fiduċja.***
***Kun mal-Knisja tiegħek, kun magħna lkoll,***
***biex qatt ma naqtgħu qalbna***
***f'dawn iż-żminijiet ta' prova u bidla,***
***tabilħaqq ta' eżodu sofferenti.***
***Jalla l-Knisja tiegħek***
***tgħix fedelment dan il-perjodu***
***li tulu qed jinbidlu ċ-ċentri ta' l-influwenza.***
***Ħa tkun sinjal tal-milja***
***tal-wegħdiet il-qodma,***
***għall-Afrika, u l-Asja, u għall-kulturi kollha.***

***Marija u Ġużeppi, aħna rroddulkom ħajr***
***talli għextu l-waqtiet ta' inċertezza u tbatija***
***b'safa tal-qalb, b'xewqa waħda:***
***li tkunu fidili għall-Mulej.***
***It-toroq sorprendenti u ġodda ta' Alla***
***wasslukom tfittxu toroq ġodda.***
***Għalkemm il-frustrazzjoni***
***lanqas lilkom ma ħarbet,***
***il-fidi tagħkom issoktat titqawwa.***
***Ħarsuna bl-interċessjoni tagħkom***
***biex qatt ma ninsew***
***il-preżenza tal-Mulej tagħna***
***li hu l-ferħ tagħna u l-qawwa tagħna.***
***Amen.*** ♦



# Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

Ottubru - Diċembru 2011

**Informazzjoni miġbura minn Edward Depasquale**

**GĦAWDEX:** Abela Grace, Agius Ġużeppa, Agius Antonia, Aquilina Maria, Attard Ġuża, Attard Chris, Attard Joseph, Attard Marija, Attard Rita, Azzopardi Golina, Azzopardi John, Azzopardi Liza, Azzopardi Mario, Azzopardi Theresianne, Bajjada Loreta, Bajjada Paul, Barbara, Barham Carmen, Borg Ċetta, Borg Christine, Borg Familja, Borg Irene, Borg Maria, Brophy Barbara, Bugeja Laura, Buttigieg ĠużI, Buttigieg Żakkarija, Buttigieg Carmel, Buttigieg Carmen, Buttigieg Ganna, Buttigieg Grace, Buttigieg Jane, Buttigieg Mariella, Buttigieg Sandra, Camilleri Marija, Camilleri Maryanne, Camilleri Rita, Camilleri Saveria, Carrington C., Casha Ġuża, Cassar Allison, Cassar Josephine, Cauchi Eugenio, Cauchi Josette, Cauchi Mary Elizaabeth, Cini Noel, Debono Anton, Debono Marianne, Debrincat Karista, Debrincat Tania, Falzon Frances, Falzon Monica, Farrugia Charlene, Farrugia Rose, Farrugia Toni, Formosa Maria, Galea Josephine, Gatt Nina, Gauci Marthese, Grech Ġuża, Grech Anjeża, Grech Anna, Grech Anna, Grech Jacquelene, Grech Josephine, Grech Melanie, Grima Familja, Grima Maria, Grima Pawla, Grima Ryan, Mercieca Coronata, Mercieca John, Mercieca Leann, Mifsud David, Mintoff Anthony, Mintoff Maria, Mintoff Rosina, Mizzi Jason, Muscat Frans, Muscat Margaret, Muscat Sunta, Portelli Aaron, Portelli Jane, Portelli Josephine, Portelli Maria, Portelli Nata, Portelli Natu, Rapa Karmena, Refalo Paul, Said Margaret, Said Maria, Said Mary, Saliba Josephine, Saliba Romina, Sammut Joseph, Sciberras Fr. Alfred, Spiteri Marcello,Spiteri Maria, Spiteri Maureen, Spiteri Tonina, Sultana Cikku, Sultana Frangeska, Sultana Karistu, Sultana Tarcisio, Tabone Pawlu, Tabone Rita, Tanti Marco, Vella Doris, Vella Joseph, Vella Margion, Vella Marija, Vella Rose Xerri Publija, Xuereb Żarena, Xuereb Joseph, Xuereb Maria Stella, Zahra Marija, Zammit Chris, Zammit Mikaela.

**MALTA:** Abela Margaret, Abela Nadia, Aberla christopher, Aberla Mary Grace, Agius Carmelo, Agius Carmelo, Agius Vince, Anastasi Grace, Axisa Anthony, Azzopardi Isabelle, Bellizzi Rita, Bellotti Lucy, Bellotti Ryan, Bianchi Mark, Bonnici Anthea, Bonnici Marianne, Bonnici Pawlu, Borda Marlene, Borg Christine, Borg Doris, Borg Martin, Borg Miriam, Borg Rita, Buttigieg Nazju, Calleja Mary, Calleja Susanne, Calleja virginia, Camilleri Carmen, Camilleri Joseph, Camilleri Kathy, Camilleri Mary, Caruana damian, Cascun Rose, Casha Guza, Cassar Carmen, Cassar Joseph, Cassar Louis, Cauchi Carmela, Cauchi Carmelo, Cauchi Joan, Cilia Ġuża, Coleiro Adrian, Cremona

(Ikompli f'paġna 36)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

**Ottubru - Diċembru 2011**

**GĦAWDEX:** Attard Joedin, Azzopardi Emma, Azzopardi Theresianne, Camilleri Katya, Debono Amy, Debono Jade, Farrugia Jordan, Vassallo Alexia, Xerri Gioia Mari.

**MALTA:** Agius Andre, Agius Jasmine, Attard Elania, Azzopardi Kloe, Bambeji Pietro, Borg Rebekka, Borg Gianluca, Borg Giuliana, Borg Meli Kyros, Camilleri Michela, Camilleri Rhys, Caruana Elena, Ciantar Cardona Martina, Cini Leynod, Deguara Rihana, Farrugia CescaMarie, Farrugia Pace Carlo, Fenech Helena Julia, Galea Adele, Galea Mark Anthony, Galea Thomas, Gauci Mattia, Gauci Nathan Paul, Ghio Maximilian, Giordano Dias, Kenely Neil, Lovegrove Ilenia, Magro Shemizon, Micallef Cassar Jade, Micallef Maria, Mifsud Julia Marie, Mifsud Karl Philip, Mifsud Marayah, Muscat Megan, Pace Shelise, Privitera AmyAnn, Sammut Matthias, Scicluna Gksana, Spiteri Pizzuto Amy, Xuereb Miguel, Zammit Amy.

**EWROPA:** Merle Iris.

---

(ikompli minn paġna 35)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

Angela, Critien Robert, Curmi Henriette, Cutajar Antoinette, Dalli Lucy, Drago S., Ellul Anton, Ellul Joseph, Ellul L., Evenzjali John, Farrugia Carmen Farrugia Dino, Farrugia Fr. Robert, Farrugia Katya, Farrugia Marlene, Fava Josianne, Fenech Elizabeth, Fenech Stefania, Fgrima Jane, Formosa Familja, Frankalanza Joseph, Galea Angela, Galea Claire, Galea Jesmond & Josette, Galea Paul, Gatt Familja, Gatt Frieda, Gatt Joseph, Gatt Merilynn, Gatt Victoria, Grech Familja, Grech Gaetano, Grech Josette, Hayan Shanon, Inguanez John, Inguanez Maria, Kennely Chris, Kennely Family, Magro Lilly, Mamo Domenica, Margaret & Alex, Micallef Doris, Micallef Marianne, Mifsud Pia, Mizzi Veronica, Muscat Rita, Pace Audrey, pace Dorianne, Pace Doris, Pasquale Familja, Patisier Odette, Patolo Antonia, Pawlu, Piscopo Charlie, Psaila Chantelle, Puli Mary, Sacco carmen, Saliba Ines, Saliba Lucy, Sammut Pacifico, Schembri Joseph, Schembri Josephine, Schembri Mena, Sciberras Familja, Sciberras Filomena, Spiteri Mario, Sultana Marianne, Tabone Familja, Tabone Mikelina, Tedesco Henrietta, Tonna Joseph, Vassallo John, Vella Antonia, Vella Doris, Vella Emanuel, Vella Mary, Xuereb Mary, Zammit Familja, Zerafa Charles.

**AMERIKA:** Bajjada Loreta, Grech Frans, Grech Joe, Grech Mary, Muscat Joseph, Portelli Charmaine, Portelli Tony, Spiteri Ewkaristika, Tabone Joe.

**AWSTRALJA:** Attard Maria, Bellizzi Rose, Spiteri Salvu, Sultana Antonia, Tabone Mary Rose.

**EWROPA:** Busuttil C., Cole Norma, Kuianast Aartlas, McDonnrll Maria.

EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
MALTA 2007-2013

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
*Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life*
Contract part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 72.25% EU funds; 12.75% National Funds; 15% NGOs

***Investing in your future***

# Proġett: "Niskopru Turiżmu Kulturali u Reliġjuż f'Għawdex - ERDF 140"

## Is-Santwarju Ta' Pinu japgrejdja l-portal tiegħu b'għajnuna tal-FEŻR għal Malta 2007 - 2013

Ix-xogħliiet fuq ir-restawr tad-dar fejn kienet tgħix Karmela Grima, li ser terġa' tinfetaħ bħala mużew, miexi ġmielu. Bl-istess mod mexa ġmielu r-restawr fuq numru ta' pitturi tal-artist Malti, Joseph Briffa, liema pittura restawrata ser tiġi esposta għall-pubbliku. Dan ir-restawr kollu jifforma parti minn proġett ta' • 400,000 bit-titlu *"Niskopru turiżmu kulturali u reliġjuż f'Għawdex"* liema proġett qed jiġi ffinanzjat mill-Fond Ewropew għal Żvilupp Reġjonali għal Malta 2007 - 2013.

Is-Santwarju Ta' Pinu għadu kif upgrejdja ukoll il-portal tiegħu - **www.tapinu.org.** Dan ix-xogħol jifforma ukoll parti minn dan il-proġett turistiku. Il-portal faċli ħafna biex wieħed jużah, qed f'żewġ lingwi, Malti u Ingliż, u joffri ukoll il-possibiltaÏ li wieħed isegwi *live streaming* quddies li jkun qed jsir fil-Bażilika u fil-Kappella. Fih wieħed jsib informazzjoni storika, informazzjoni dwar ir-restawr li qed isir fis-Santwarju u fuq kollox kalendarju tal-attivitajiet li jkun qed jinżammu f'dan is-Santwarju għażiż tal-poplu Malti u Għawdxi. Id-devoti tal-Madonna Ta' Pinu issa jistgħu ukoll isegwu pemezz ta' Facebook jew Flickr.





EJJA
L-Erbgħa, 2 ta' Mejju 2012
jibdew l-Erbgħat
fis-Santwarju
tal-Madonna Ta' Pinu
Kull nhar ta' Erbgħa
Quddies:
Filgħodu: 5.00, 6.00, 7.00, 8.30 u 9.00.
Filgħaxija: 5.30, 6.30 u 8.00.
Adorazzjoni Ewkaristika: 11.30am - 5.00pm
8.45pm: Rużarju u Purċissjoni Aux Flambaux
Imexxi l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech.
10.15pm: Talba ta' Għeluq il-Jum
u Barka Sagramentali.
L-Erbgħat jsibu l-qofol tagħhom
fil-Velja tal-Assunta nhar it-Tlieta, 14 ta' Awwissu.
Il-Quddiesa tal-5.30p.m tkun imxandra fuq Radju Marija
"Itolbuha u sejħulha:
Sultana tal-Familja"
Papa Benedittu XVI - 18.4.2010
NEWSPAPER POST